MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 629/2002/1

**Rudolphe Gaerty**

**-vs-**

**Paul Caruana**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata fil-31 ta' Mejju 2002 li permezz tagħha l-attur ppremetta:

Illi l-konvenut Paul Caruana kien biss institur tas-soċjeta' estera SCI UK Ltd;

Illi SCI UK Ltd kienu joperaw f'Malta permezz ta' numru ta' konsulenti li kienu jaħdmu fi ħdan SCI UK Ltd minn ġewwa Malta, magħrufa bħala Account Executives (AEs); Ftehim tipiku huwa anness Dokument A.

Illi l-funzjoni prinċipali tal-konvenut kienet dik illi jipprovdi lill-AEs infrastruttura biex joperaw minnha;

Illi din l-infrastruttura kienet kollha f'isem il-konvenut personali u mhux f'isem SCI UK Ltd;

Illi Paul Caruana tneħħa mill-funzjoni ta' institur u ġie appuntat minfloku Rudolphe Gaerty f'Ġunju 1997 indipendentement minn kwalunkwe ftehim iffirmat bejn il-konvenut u l-attur;

Illi l-AEs kienu jużaw bħala mezzi uniċi ta' komunikazzjoni għal xogħlhom linji tat-*telephone* speċifiċi u li fuqhom il-kuntatti kollha li kienu għamlu setgħu jikkuntattjawhom lura;

Illi SCI lokalment kienet magħrufa bin-numri tat-telephone li dawn kollha kienu f'isem Paul Caruana;

Illi biex jaqdi l-funzjoni tiegħu bl-aħjar mod possibbli u sabiex tintlaħaq kontinwita' u tranżizzjoni lixxa, l-attur avviċina lill-konvenut biex jixtri mingħandu din l-infrastruttura li kienet tikkonsisti f'linji tat-*telephone* u uffiċċju mikri mgħammar b'għamara li kienet tal-konvenut u l-*goodwill* kontenut fil-linji tat-*telephone*;

Illi l-attur kien wasal għal ftehim kummerċjali mal-konvenut permezz ta' skrittura privata datata sittax (16) ta' Ġunju ta' elf disa' mija sebgħa u disgħin (1997), sabiex il-konvenut jittrasferixxi lill-attur l-imsemmija infrastruttura li biha kienu jiġġestixxi fil-funzjoni tiegħu bħala institur in-negozju li s-soċjeta' esetera SCI UK Ltd bħala sussidjarja tas-soċjeta' estera MSI International kienu joperaw minn Malta u dan għal somma konsiderevoli, kopja ta' liema ftehim hija annessa u mmarkata bħala Dok B;

Illi l-ftehim *de quo* kien jinkludi *inter alia,* obbligazzjoni da parti tal-konvenut għall-ħlas tal-kontijiet kollha u t-*transfer* tal-istess servizz telefoniku, partikolarment dak konness mas-seba' (7) numri 322995-8; 322909, 344586 u 345581 u dan bi skop ewlieni biex l-attur seta' joffri kontinwita' u tranżizzjoni lixxa lill-AEs fuq imsemmija;

Illi sabiex ikun hemm kontinwita' u tranżizzjoni lixxa fl-operat tal-institura tal-konvenut għall-institura tal-attur, tali kien fondamentalment dipendenti mis-servizzi telefoniċi anzi mis-servizzi telefoniċi speċifikatament fuq indikati;

Illi l-konvenut bi ksur tal-Artikolu tlieta (3) intitolat "Responsibilty for Payment of Services" tal-imsemmija skrittura, naqas milli jonora l-obbligazzjoni tiegħu tant li ma ħallasx il-kontijiet kollha pendenti konnessi mas-servizzi telefoniċi rigwardanti l-linji, li n-numri tagħhom huma fuq indikati, u naqas milli jittrasferixxi l-istess linji lill-attur;

Illi l-AEs komplew jużaw l-istess linji u baqgħu jagħtu bħala numru ta' kuntatt l-istess numri msemmija lill-bosta kandidati u klijenti tal-istess soċjeta' estera tul il-perjodu moratorju mogħti lill-konvenut mill-Maltacom, li wassal għat-tkabbir konsiderevoli tal-*goodwill* kontenut fl-istess linji telefoniċi;

Illi Paul Caruana kkaġuna s-siġill tal-imsemmija infrastruttura permezz ta' numru ta' mandat vessatorji.

Illi n-nuqqas da parti tal-konvenut in linja tal-obbligi tiegħu kontemplati fl-Artikolu tlieta (3) fuq ċitat, wassal sabiex l-attur ma setax jagħmel użu mil-linji telefoniċi fuq identifikati minħabba illi dawn kienu fiżikament inaċċessibbli u sussewentement inqatgħu u konsegwenza t'hekk mill-bidu tal-1999 l-attur ma setax jiġġestixxi n-negozju u jiddisponi minnu liberament kif l-istess ftehim kellu jiggarantixxi;

Illi tali nuqqas tal-konvenut skond Artikolu tlieta (3), wassal ulterjorment sabiex il-linji telefoniċi fuq indikati nqatgħu u għaldaqstant l-attur ma setax jagħmel użu jew jagħmel *redirection* minnhom tant li ntilef kompletament l-iskop tal-ftehim u saħansitra l-*goodwill* li kellu jiġi ttransferit u l-*goodwill* addizzjonali ġġenerat fihom wara l-iffirmar tal-istess ftehim.

Illi peress illi l-attur b'konsegwenza tal-aġir xejn responsabbli da parti tal-konvenut bi ksur tal-obbligi

komtemplati f’Artikolu tlieta (3) fuq ċitat, sofra u għadu jsofri danni rreparabbli;

Illi dan l-aġir tal-konvenut wassal għal stat ta’ fatt kif kontemplat f’Artikolu 117 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, Kapitolu tlettax (13) tal-Liġijiet ta’ Malta

Illi l-konvenut, *nonostante* li kien interpellat dwar l-istess, baqa’ inadempjenti;

Jgħid, għalhekk il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex;

(1) Tiddeċiedi, tiddikjara u tikkundanna lill-konvenut ħati ta’ ksur tal-obbligi tiegħu kif espressament kontemplati fl-Artikolu tlieta (3) tal-fuq ċitat ftehim.

(2) Tirrexindi u tħoll il-ftehim fuq ċitat u trendih bħala null u mingħajr effett legali.

Bl-ispejjez, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali u tal-mandati kawtelatorji kollha li qed jiġu ntavolati kontestwalement ma’ din iċ-ċitazzjoni, kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, preżentata fit-13 ta’ Awissu 2002, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok u *in linea* preliminari, iċ-ċitazzjoni attriċi hija nulla *stante* illi d-dikjarazzjoni ġuramentata prezentata mill-attur mhix enumerata *ai termini* tal-Artikolu 156 (3) tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, u għalhekk għandu jirriżulta illi hemm lok għad-debita korrezzjoni.

2. Illi fit-tieni lok, u wkoll *in linea* preliminari, iċ-ċitazzjoni attriċi hija nulla wkoll *stante* illi l-attur naqas milli jindika dawk il-fatti li huma di xjenza personali tiegħu, *ai termini* tal-Artikolu 156 (3) tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili.

3. Illi fit-tielet lok, u wkoll *in linea* preliminari, l-attur naqas milli jindika l-oġġett tal-prova tax-xhieda minnu ndikati, u għalhekk l-eċċipjenti jirrileva illi l-attur għandu jingħata żmien jsabiex jindika tali oġġett tal-prova *ai termini* tal-Artikolu 156 (8) tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili.

4. Illi fir-raba' lok, u wikoll *in linea* preliminari, iċ-ċitazzjoni attriċi hija nulla *stante* illi t-talbiet attriċi kif proposti huma ġuridikament insostenibbli u dan billi r-rexxissjoni pretiża mill-attur ma tistax tissussisti legalment mingħajr ir-*restitutio ad integrum,* u ma saret l-ebda talba mill-attur f'dan is-sens, b'dan illi l-eċċipjenti għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

5. Illi fil-ħames lok, u assolutament mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-mertu, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur, *stante* illi kien l-istess attur illi beda jonqos mill-obbligi minnu assunti *ai termini* tal-iskrittura privata tas-16 ta' Ġunju 1997, b'mod illi mhux tali l-istess attur ma setax jippretendi l-adempiment ta' l-obbligi da parti tal-eċċipjenti, talli kien dan l-istess nuqqas da parti tal-attur illi poġġa lill-eċċipjenti fl-impossibbilta' illi jeżegwixxi l-obbligi tiegħu tempestivament, kif jista' jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

6. Illi fis-sitt lok, u wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess, l-obbligazzjoni illi l-eċċipjenti ma eżegwiex tempestivament minħabba l-impossibbilta' imposta fuqu mill-attur, kif fuq ingħad, ma kenitx obbligazzjoni prinċipali iżda biss waħda aċċessorja u sekondarja, b'dan illi l-ftehim *de quo* m'ghandux jiġi annullat skond il-Liġi

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet *sia* fuq l-eċċezzjonijiet preliminari u *sia* fuq il-mertu tal-kawża;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ottubru 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġia ssemma' l-attur qed jitlob illi l-Qorti;

1 "Tiddeċiedi, tiddikjara u tikkundanna lill-konvenut huwa ħati tal-ksur tal-obbligi tiegħu kif espressament kontemplati fl-Artikolu 3 tal-fuq ċitat ftehim" li jinsab esebit bħala Dok. B a fol.10; u li;

2 "Tirrexxindi u tħoll il-ftehim fuq ċitat u trendih bħala null u mingħajr effett legali".

Illi l-Artikolu 3 tal-ftehim: "RESPONSIBILITY FOR PAYMENT OF SERVICES" jgħid illi:

*"The Transferor will be responsible for the payment of all Telephone (numbers 322995-8; 322909; 344586 and 345581), Water and Electricity; services and rentals and other Services and debts, including but not limited to loans, overdrafts and other such commitments, incurred through the operation of the Business up to the Effective Date.*

*The Transferee will thereafter be entirely responsible for all such payments.*

*Both parties hereto will proceed for the relative registration of the transfer of such services as from the Effective Date, as and where possible."*

Illi ta' min iżid hawnhekk illi l-ftehim jagħmel referenza għal *annex* 1 u 2 iżda dawn ma humiex esebiti fl-atti bħala parti mill-ftehim. Ġie esebit pero' bħala Dok. C a fol. 16 it-terminazzjoni tal-kuntratt ta' Paul Caruana minn SCI Ltd.

Illi l-**konvenut** eċċepixxa kif ingħad:

1. In-nullita’ taċ-ċitazzjoni *stante* li d-dikjarazzjoni ġuramentata mhix enumerata;

2. In-nullita’ taċ-ċitazzjoni stante li l-attur naqas li jindika dawk il-fatti li huma di xjenza personali tiegħu;

3. L-attur naqas li jindika l-oġġett tal-prova tax-xhieda minnu indikati;

4. In-nullita’ taċ-ċitazzjoni *stante* li qed tintalab rexxissjoni tal-kuntratt mingħajr l-ebda talba ta’ *restitutio ad integrum;*

5. Fil-mertu t-talbiet huma nfondati fid-dritt u fil-fatt. Kien l-attur li naqas mill-obbligi minnu assunti b’mod li ma setax jippretendi l-adempiment tal-obbligi tal-eċċipjenti, dan l-istess nuqqas poġġa lill-eċċipjenti fl-impossibbilta’ li jeżegwixxi l-obbligi tiegħu tempestivament;

6. L-obbligazzjoni fuq imsemmija ma kinitx prinċipali iżda aċċessorja u sekondarja u għalhekk il-ftehim m’għandux jiġi annullat.

Illi fis-**seduta tas-16 ta’ Ottubru 2002** a fol. 30, l-attur talab illi l-paragrafi tad-dikjarazzjoni tiegħu jiġu numerati. Il-konvenut m’opponiex u rrinunzja għall-ewwel eċċezzjoni, laqa’ l-atti tal-kawża kif mibdula u rrinunzja għal kull terminu. Il-partijiet preżentaw nota ta’ sottomissjonijiet dwar it-tieni u r-raba’ eċċezzjoni u risposta relattiva.

Illi fin-**nota tiegħu dwar ir-raba’ eċċezzjoni il-konvenut sostna li** ċ-ċitazzjoni hija nulla peress li t-talbiet attriċi kif proposti huma ġuridikament insostenibbli, billi r-rexxissjoni pretiża mill-attur ma tistax tissussisti legalment mingħajr it-talba tar-*restitutio in integrum.*

1. Il-konvenut jgħid li t-talba attriċi hija bażata fuq l-Artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili u l-Artikolu 117 tal-Kodiċi tal-Kummerċ peress li qed jitlob r-riżoluzjoni tal-kuntratt fuq nuqqas tal-konvenut mill-obbligi kuntrattwali tiegħu. Iżda

tali talba għandha ssir ma' talba għar-*restitutio in integrum* peress li riżoluzzjoni kuntrattwali ġġib l-effett li l-partijiet jitqegħdu fil-pożizzjoni ta' qabel ma jkunu kkuntrattaw, *status quo ante contractu.* Mhux aċċettabbli legalment u ekwitament li wieħed mill-partijiet jibqa' jgawdi dak li jkun akkwista minn kuntratt li jiġi riżolt.

2. L-Artikolu 1066
(1): "Il-kundizzjoni riżoluttiva hija dik illi, meta sseħħ, tħoll l-obbligazzjoni u terġa' tqiegħed il-ħwejjeġ fl-istess stat bħal kieku l-obbligazzjoni ma ġiet qatt magħmula".

(2): "Il-kreditur ikun obbligat irodd dak li jkun rcieva".

3. L-Artikolu 1209: "Bir-rexxissjoni ta' kuntratt, jekk il-liġi ma tiddisponix xort'oħra, il-partijiet jiġu mqiegħda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim ... kull parti għandha trodd lura lill-oħra dak li tkun irċeviet jew daħħlet b'effett jew bis-saħħa tal-kuntratt". Il-konvenut jissottometti li fid-dawl ta' dan kollu t-talba tal-attur hija nkompleta u nieqsa minn dak li tikkontempla espressament il-ligi.

4. L-attur naqas li jagħmel talba għar-*restitutio in integrum* sabiex jevadi t-talbiet leġittimi tal-konvenut dedotti fil-kawżi inversi numru 369/98 **"Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Ltd. et"** u numru 354/01, b'hekk l-attur jibqa' jgawdi indebitament u llegalment mill-benefiċċji naxxenti mill-ftehim, u dan għad-dannu tal-konvenut. Din ma setgħet qatt tkun l-intenzjoni tal-leġislatur. Fin-nuqqas ta' talba għar-*restitutio in integrum*, il-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

5. Ladarba t-talba tal-attur ma tinkludix ukoll talba għar-*restitutio in integrum*, il-Qorti ma tistax tagħti r-*restitutio in integrum* sabiex tissana ċ-ċitazzjoni għax tkun qed tagħti ordni *extra petita*. Ġiet ċitata l-kawża fl-ismijiet **"Giuseppe Debono vs Chev. Antonio Cassar Torreggiani et"** [1:] L-iskop tal-Artikoli 213 tal-Kap. 12 huwa li jillimita lill-provvedimenti tal-Qrati Superjuri, fid-

[1] 5 ta' Diċembru 1952 – Vol. XXXVIB/I/269

determinazzjoni tal-vertenza in kwistjoni, għall-ambitu tad-domanda jew domandi lilha magħmula *ai termini* taċ-ċitazzjoni, b'dan illi s-sentenza relattiva tkun konformi ma' l-istess domanda jew domandi, u dan in vista tal-fatt illi l-Qorti hija marbuta esklussivament mat-termini tal-kawżali u tat-talbiet kif imfissra fiċ-ċitazzjoni[2].

Għal dawn ir-raġunijiet il-konvenut sostna li dik l-eċċezzjoni għandha tiġi milqugħa.

Illi n-**nota tal-attur dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjoni** a fol. 34 tgħid illi:

1. Iċ-ċitazzjoni hija bbażata fuq fatti riżultanti minn dokumenti u attivita' di xjenza tal-partijiet involuti.

2. Indikazzjoni fuq x'hiex ser jixhdu x-xhieda.

3. L-azzjoni kif proposta mill-attur timplika li l-partijiet jiġu fl-i*status quo ante contractum* taħt l-Artikolu 1209 tal-Kodiċi Ċivili, li huwa ċar dwar l-aspett mandatarju implikat mill-azzjoni ta' rexxissjoni.

4. **"Carmel Vella vs Rosalie Mifsud"**[3] fejn il-Qorti rriteniet li f'każ ta' azzjoni ta' rexxissjoni: *"din timporta – fost konsegwenzi oħra – li kull parti għandha trodd lura lill-oħra dak li tkun rċeviet jew daħħlet b'effett u jew bis-saħħa tal-kuntratt – Artikolu 1209 (2) Kap 16 – u li l-partijiet jiġu mqiegħda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim – Artikolu 1209 (1)"*.

5. It-talba għar-rexxissjoni tal-ftehim timporta illi l-partijiet jigu mqiegħda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim u għaldaqstant mhux neċessarju li ssir talba speċifika għal dan il-għan. Konsegwentament ma jistax jingħad li deċiżżjoni tal-Qorti sabiex il-partijiet jiġu mqegħda fl-i*status quo ante* tammonta għall-deċiżjoni *extra petita.*

---

2 **"Alice Amato noe vs Vivian B. De Grey noe et" –** 24 ta' Novembru 1958, Appell – Vol.XL11/1/587

3 2 ta' Novembru 1990, Prim' Awla

6. Ir-raba' eċċezzjoni nfisha tikkonferma tali konsegwenzi.

7. Il-konvenut qed jissolleva dawn l-argumenti sabiex jaħrab l-obbligi tiegħu u b'hekk jeludi d-drittijiet tal-attur.

Għalhekk issottommetta l-konvenut, l-azzjoni kif proposta hija ġuridikament u legalment sostenibbli u għandha titħalla għas-smiegħ fil-mertu.

**PROVI**

A fol. 51 u 52 xehed **Albert Portelli** – Registratur tal-Qorti, li esebixxa proċess oriġinali tal-kawza **"Maltacom plc vs Paul Caruana"**, Prim' Awla 25 ta' Novembru 1999, u Appell 10 ta' Mejju 2002.

Illi fil-kawża **"Maltacom plc vs Paul Caruana"**, Prim Awla – 25 ta' Novembru 1999, u Appell 10 ta' Mejju 2002, Maltacom plc ħarrket lil Caruana għall-ħlas ta' servizzi fl-ammont ta' Lm38,232.90, bil-proċedura tal-giljottina.

Illi wara diversi tentattivi sabiex issir notifika, saret notifika fil-gazzetta tal-Gvern. F'din il-kawża xehed il-**P.L. Noel Scerri fol. 55**. Huwa qal illi *"l-applikazzjonijiet għas-servizzi kollha li għalihom qed jiġi mitlub il-ħlas ... ġew kollha mitluba personalment mill-kovenut ... kopja tagħhom esebita ... Fuq l-istess formola hemm spazju fejn is-subscriber jista' jitlob kif jidher il-kont ... fid-direttorju ... Isfel pero' jkun hemm il-firma tas-subscriber jew f'ismu personali jew għan-nom ta' xi soċjeta'. Fil-każ kollha huwa f'ismu personali. Il-ħlasijiet li saru huma ġa' mnaqqsin mit-talba attriċi. Allura l-ammont mitlub għadu dovut fl-intier tiegħu sal-lum."*

Illi a fol. 59 xehed il-konvenut **Paul Caruana** li qal:

*"Jiena kont Managing Director, kulma kont nagħmel jien huwa għan-nom tal-kumpanija li kienet estera, ma kinitx kumpanija Maltija. Kull applikazzjoni li kien hemm on the heading dejjem kien hemm għal SCI International. Jekk m'hemmx fl-isem for and on behalf of dina kienet ħaġa li*

*jien kont naraha raġunata għax kollox hekk kont nagħmel. Il-linji għadhom jintużaw mill-istess kumpanija u jien m'għadnix naħdem mal-kumpanija."*

Illi l-kawża ġiet posposta għall-provvediment fuq it-talba tal-konvenut biex jitħalla jikkontesta t-talba. Il-Qorti ċaħdet it-talba għaliex il-konvenut ma weriex, imqar *prima facie*, li kellu eċċezzjonijiet tajba x'jagħti. Għalhekk il-Qorti laqgħet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż.

**Kontinwazzjoni tal-provi fil-kawza odjerna: 629/02JA "Rudolphe Gaerty vs Paul Caruana"**
A fol.55 – 63 Dok.PB1 esebit mix-xhud Paul Busuttil li xehed fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2004, li huwa għamel *account enquiry* fuq numri tat-telefon varji u f'ismijiet differenti, u ċjoe' S.C.I. International, ICT Marketing Ltd., Maria Lourdes Samra, Caruana Paul.

Illi a fol. 65 xehed **Paul Busuttil,** fejn qali illi:

*"In-numri 322995, 996, 997, 998 u 322909 huma reġistrati fuq SCI International. 345581, li m'għadux jaħdem huwa registrat fuq Paul Caruana u 332851 li m'għadux jaħdem huwa reġistrat fuq Samra Maria Lourdes. Fuq l-ewwel numri s-subscriber huwa SCI International. Dettalji ta' min iffirma hawn m'għandix. Inġib l-informazzjoni mill-file darba ohra. In-numri 322995, 996, 997, 998 u 322909 huma maqlugħin u ilhom maqlugħin mill-1999. It-345581 hija maqlugħa wkoll fin-1999. It-344586 inbidel u sar 332851. Dan għadu jeżisti easyline fuq l-istess persuna. Probabbilment inqatgħu l-linji minħabba n-nuqqas tal-ħlas tal-kontijiet, biex nikkonferma rrid nara minn ġol-file. Dwar l-ammonti qed nippreżenta statements bid-dati ta' meta ħarġu l-kontijiet u ta' meta saru l-pagamenti u bl-ammonti li għadhom pendenti. Hawnhekk m'għandix informazzjoni dwar jekk kienx hemm xi servizzi konnessi ma' dawn il-linji ta' redirection etc."*

**Kontro-eżami**

*"Linja waħda għadha attiva, 21332851, li s-subscriber tagħha hija Maria Lourdes Samra."*

Illi a fol. 70 ġiet esebita ittra minn SCI International lil Rudolphe Gaerty, iffirmata minn Paul Caruana markata WP, ppreżentata mill-Avukat tal-attur.

Illi a fol. 73 in subizzjoni l-konvenut **Paul Caruana** xehed illi:

*"Jiena kont managing director mal-kumpanija SCI, li xogħolha hu ta' recruitment office. Dan huwa n-negozju ta' ġobbijiet lin-nies li jaħdmu fis-setturi tal-banek barra minn Malta u jsir xogħol mill-uffiċċju tagħna. Ix-xogħol kien isir minn account executives li kienu jaħdmu fuq commission basis. Kienu jaħdmu fuq it-telefon ikellmu lin-nies li they recruited u jagħmlu appuntamenti biex jibgħatuhom għall-meetings biex jiġu hired. Meta jiġi hired kien isir kuntratt mal-bank. Il-klijenti kienu l-banek li kien hemm direttorji għalihom. Il-kandidati nċemplulhom minn ġol-banek, dejjem mill-istess numri. Id-direttorji tista' tmur tixtrihom mingħand il-ħwienet. L-informazzjoni kienet min hu l-persuna, fejn jaħdem u x-xogħol jagħmel b'telefon number u tistaqsi għalih. Jiena ġieli ltqajt magħhom. L-account executives li kienu jaħdmu miegħi ma nafx jekk iltaqgħux magħhom jew le. Ix-xogħol kien kollu jsir fuq it-telefon minn Malta. Wara t-tielet interview li kien imur il-klijent, kien ċemplilna l-hiring manager u jiffirmalna return statement li ħa jaċċetta dak il-kandidat, u kienu jħallsu fi żmien ħmistax il-ġurnata. Wara li jiffirma l-kuntratt mhux meta jibda. Kemm il-kandidati u kemm il-klijenti ġieli ċemplu lura l-uffiċċju fuq in-numri tat-telefon ta' l-uffiċċju. L-invoice kienet toħroġ wara li jsir il-kuntratt. Minn għandi ma sarux reklami ta' S.C.I. UK Ltd. Kienu jaħdmu on commission basis. Ma jidhirlix li kien hemm xi ftehim bil-miktub. L-AE's kienu jitħallsu kummissjoni li kienet persentaġġ tal-qliegh tal-kumpanija estera. Il-ftehim li qed jurini l-Avukat ta' l-attur għamiltu jien iżda ma ġiex iffirmat. Il-banek kienu jħallsu lil SCI dirett. Irċevejt ħafna komunikazzjonijiet, kuljum. Kien hemm komunikazzjoni li ntbgħatet wara li sar ftehim li nagħti over lil Rudolphe Gaerty. Jekk intbgħatitx minn SCI jew meta ntbaghtet minn Gaerty ma nafx. Le ma kienx hemm agreement. Il-*

*kawża li ftaħt jien lil Gaerty għada pendenti quddiem l-Imħallef Micallef.*

*Il-business ġie trasferit bi ftehim kuntrattwali. Il-kumpanija estera ġiegħlitni nagħmel il-ftehim miegħu. Dik l-ittra ntbagħtet wara l-ftehim. Ma nafx mingħand min intbagħtet. Nikkonferma l-firma tiegħi. Din l-ittra hija "a corresponding letter before the change over", qabel il-ftehim. It-telephone bills kollha kienu fuq ismi sakemm baqa' jaħdem sena wara. Tajtu ċans sena għax kelli 5% mill-business li żammejt u tajtu ċans jaħdem fuq it-telefons tiegħi u hu kellu jħallashom. Għadu pendenti sal-lum, għad hemm kawża kontrija ta' xi Lm35,000 li tlifttha. Jien il-kawża tal-Maltacom iġġilidtha*.

*L-ammonti tal-Maltacom kienu jitilgħu ħafna, Lm60,000 fis-sena, kuljum għaxra minn nies iċemplu barra minn Malta l-ħin kollu. Irid jurini x'kontijiet qed jirreferi għalihom. Ma niftakarx x'kontijiet ħallast u ma ħallastx."*

Illi a fol. 82 – 86 Dok. PB1 sa PB5 ġie esebit ftehim għall-installazzjoni ta' servizzi tat-telefon f'isem SCI iżda ffirmat minn Paul Caruana.

Illi a fol. 93 (7 ta' Lulju 2004) reġa' xehed **Paul Busuttil** fejn qal:

*"Il-persuna li ffirmat il-kuntratti mal-Maltacom huwa Paul Caruana, fuq il-linji 322995, 996, 997, 998 u 322909. It-344586 mhux ta' l-istess persuna. Huwa ta' persuna li mhux involut fil-kawża. Dak in-numru huwa attiv. Minn dejjem kien fuq il-persuna li għadu f'isimha llum. Qatt ma kienet fuq Paul Caruana. Lanqas fuq Rudolphe Gaerty. It-345581 hija ukoll f'isem Paul Caruana. Dawn il-linji huma kollha maqlugħin, removed fil-1999. Qed nesebixxi kopja tal-agreements li ffirma Paul Caruana. Illum meta jiġi ffirmat agreement trid turi l-I.D. Card. Ma nafx jekk il-proċedura kinitx hekk fil-1995. Ma nistax nikkonferma. Il-linji nfetħu fil-1995 meta sar il-kuntratt. Il-linji inqatgħu kollha fid-19 ta' Mejju 1999 għal kollox. F'Ottubru 1998 kienu temporarily out of service iżda l-kera tibqa' għaddejja filwaqt li s-servizz ikun maqtugħ.*

*Minn 1995 sa Settembru 1997 huwa mħallas kollox. Wara dak il-kont hemm żewġ kontijiet li mhumiex imħallsin. Tista' tara l-istatements. Fuq it-322995 qabel Ġunju 1997 huma wkoll kollha mħallsa. Fuq it-322996 qabel Ġunju 1997 huma wkoll kollha mħallsa. Fuq it-322997 l-aħħar kont li tħallas sħiħ huwa tal-konsum ta' Jannar, Frar, Marzu 1997.*

*Mid-dokumenti ma jirriżultalix min għamel il-pagamenti. Meta l-kaxxier jirċievi l-pagamenti jekk ikun hemm diversi kontijiet mhux imħallsa l-ewwel jaqta' l-aktar kont antik jekk ma jkunx hemm xi kont partikolari ekwivalenti għall-pagament u jaqta' lilu. Mhux possibbli nkunu nafu l-persuna li ħallset.*

*Il-kontijiet li għandhom asteriska huma mħallsa. Dawk li m'għandhomx mhumiex imħallsa. Id-data ta' meta sar il-pagament tinsab fuq il-lemin tal-istatement*.

*Fl-4 ta' Awissu 1998 intalab servizz ta' call forwarding on each line fuq ħames linji, jiġifieri l-klijent jekk ikun irid hu jista' jattiva mis-sett li meta jirċievi l-call fuq il-linja tiġi trasferita fuq linja oħra li għażel il-klijent. L-applikazzjoni saret minn Margaret Sammut Alessi għan-nom ta' SCI International. Is-servizz dam operattiv sa meta nqala'. Kemm tela' xogħol fuq dan is-servizz jiddependi mill-klijent għax jista' ma jużah qatt.*

*Il-linji setgħu jiġu trasferiti kif kienu, minn fuq Paul Caruana għal fuq ħaddieħor, pero' mir-records ma jidhirx li sar hekk. Meta jkun hemm kontijiet pendenti, isir up-to-date bill u jiġi mħallas qabel jiġi trasferit is-servizz. Illum żgur li qabel ma jitħallas ma jsirx trasferiment. Dak iż-żmien fil-1997 ma nafx għax jien ma naħdimx fis-sales fejn isir dan ix-xogħol. Pero' fil-linji nvoluti ma jidhirx li saru retentions, kif insejħulhom aħna. Ma jirriżultax li ġieli kien hemm request biex issir. Fil-files li kienu disponibbli għalija ma hemmx. Ma neskludix li jista' jkun hemm iżda fil-files ma hemmx u lanqas fil-billing system ma sibt talba għal retention. Normalment talba għal retention tidħol fil-*

*billing system. Is-subscriber huwa awtorizzat jagħmel talba għal retention.*

*Minħabba non-payment il-linji l-ewwel ġew sospiżi fil-1998 u sussegwentament sospiżi għal kollox fil-1999."*

**Kontro-eżami**

*"Il-perjodu tan-nuqqas ta' ħlas, li minħabba fih inqalgħu l-linji, huwa ndikat fl-istatement. Li m'għandhomx asteriska mhumiex imħallsin."*

Illi fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2005 a fol. 101, l-attur talab li jressaq bħala xhud rappreżentant tal-Bank *stante* l-ħames eċċezzjoni. Il-konvenut oġġezzjona peress li x-xhud mhux dikjarat. Il-Qorti laqgħet it-talba.

Illi xehdet għan nom tal-Bank HSBC **Audrey Ghigo** illi esebiet sitt dokumenti markati AG1 sa AG6. Ġiet eżentata mis-sigriet bankarju kemm fir-rigward tal-konvenut kif ukoll ta' terzi fil-kapaċita' tagħhom f'dan il-kont biss iżda mhux fil-kapaċita' personali tagħhom. Hija qalet:

*"Jiena nokkupa l-kariga ta' Bank Supervisor ma' HSBC Bank Malta plc.*

*Il-kont bin-numru 021314498 kien kont ta' SCI Palace f'isem Paul Caruana. Il-kont kien jiffirma għalih Paul Caruana. Kien infetaħ fil-branch ta' St. Julian's. Mill-1 ta' Lulju 1997 sat-13 ta' Lulju 1999 il-kont kien f'isem Paul Caruana. Il-kont ma ngħalaqx. L-informazzjoni li għandi tieqaf hemm għax skond id-dati li tlabtuna.*

*Il-kont bin-numru 0852303069 li jġib in-numru ġdid 085062990004 u l-kont bin-numru 0852303042 li jġib in-numru ġdid 085062990003, kienu nfetħu f'isem Dr. Emanuel Mallia, Dr. Alex Perici Calascione u Ms Natasha Busuttil Palace li kienu jiffirmaw għal dawn il-kontijiet. Fis-17 ta' Lulju 1998 inbidlu l-firmatarji u bdew jiffirmaw Dr. Emanuel Mallia u Dr. Perici Calascione biss.*

*Ma nistax nagħti dettalji dwar pagamenti li saru favur l-istess kontijiet bejn is-16 ta' Gunju 1997 u 30 t'April 2000 peress li l-vouchers qed jinżammu biss għal ħames snin u ma nkunux nafu d-dettalji. Jiġifieri ġew distrutti. Lanqas fl-arkivji ma jkollna.*

*Il-kont bin-numru 0852303069 li jġib in-numru ġdid 085062990004 għandi statements mill-14 ta' Gunju 1997 sas-26 ta' April 2000*.

*Il-kont bin-numru 0852303042 li jġib in-numru ġdid 085062990003 għandi statements mill-14 ta' Gunju 1997 sat-12 ta' April 2000.*

*Mill-istatements ma nkunux nafu min iddepożita l-flus, ma nkunux nistgħu ngħidu min iddepożita l-flus.*

Illi xehdet ukoll **Margaret Sammut Alessi** li qalet:

*"Jiena kont nokkupa funzjoni fl-administration mas-soċjeta' SCI Limited.*

*Kellna diversi telefon numbers, kien hemm kontijiet pendenti, li nista' nippreżentahom lill-Qorti, markat Dok. MSA1. F'dan il-fuljett jidher il-kontijiet bil-bilanċ li kien hemm qabel, sakemm Rudolphe Gaerty ħa l-kumpanija, l-kontijiet li kellna meta konna nużawhom aħna u kif ġew imħallsin il-kontijiet ta' dak iż-żmien.*

*Il-pagament li konna nagħmlu kien relatat ma' l-użu li konna nagħmlu aħna tat-telephones ta' dak ix-xahar partikolari. Minn Ġunju 1997 tħallas x'użajna aħna bħala kumpanija.*

*Fl-indiċi, "l-ewwel kolonna hemm ir-rentals, li huma rentals tat-telephones kif kienu jiċċarġjawna l-Maltacom, li kien rent ta' kull tlett xhur, consumption tal-period ta' dak iż-żmien li konna qed nużaw, il-kontijiet li ġejjin minn previous balances, consumption li użajna aħna, l-ammont meta tgħodd it-tnejn flimkien u l-ammont li ħallasna aħna*

*ta' dak il-consumption ta' dak il-particular month bħal bilanċ li kien hemm qabel".*

*Il-kolonna G huwa ic-cheque number li konna nħallsu bih u supporting document.*

*Aħna konna tlaqna mill-uffiċċju ta' Tas-Sliema fit-30 t'Awissu. Il-linji baqgħu hemm għax dawk ma kinux fuq isimna. Il-linji ma nqalbux f'isem Rudolphe Gaerty. Tlaqna mill-uffiċċju għax kellna problemi bil-linji u ridna mmorru uffiċċju ġdid. Daħħalna linji ġodda meta ċaqlaqna l-uffiċċju*.

*Il-linji l-oħra baqgħu hemm."*

**Kontro-eżami**

*"Preżentament jiena naħdem ma' Global Executive. Il-General Manager huwa Rudolphe Gaerty. Jiena ma rċevejtx taħrika biex nixhed dwar dawn il-kontijiet. Talabni nesebixxi dawn id-dokumenti Dr. Pisani."*

Illi fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2005 reġgħet xehdet **Audrey Ghigo** li qalet:

*"Jiena nokkupa l-kariga ta' Bank Supervisor Legal Office ma' l-HSBC Bank Malta plc*.

*Dwar it-talba għal dokumentazzjoni fuq pagament partikolari estratt minn statements fuq il-kontijiet 021314498 San Giljan branch, u 852303069 u 852303042 Msida branch, ngħid li l-vouchers aħna nżommuhom sa 5 snin. It-talba kienet bejn l-1997 u 30 t'April 2000. Aħna m'għandniex dawn il-vouchers."*

Illi fuq dikjarazzjoni tal-avukat tal-attur li l-*branches* ikkonfermaw li dawn jinżammu għal 8 snin, ix-xhud innegat u reġgħet iddikjarat li r-retention *period* tal-*vouchers* huwa ta' 5 snin.

Illi a fol. 283 xehed l-**Avukat Alex Perici Calascione** li qal illi:

*"Dwar Dok. APC (fol. 270) l-ewwel paragrafu ngħid li, fl-opinjoni tiegħi, peress li l-kuntratt kien fih obbligazzjonijiet distinti ma stajtx awtomatikament topera kompensazzjoni waħda ma' l-oħra sakemm m'hemmx kompensazzjoni ġudizzjarja. Ma kienx hemm aċċettazzjoni mill-parti l-oħra sabiex issir kompensazzjoni. Din l-ittra ġiet kopjata lill-Avukat Edward Woods li kien il-legali tal-attur dak iż-żmien.*

*Dwar l-iskrittura, Article 3 tal-ftehim fol. 11, ngħid li sa l-effective cut-off date of business servizzi ta' telefon, dawl ilma u servizzi oħrajn kienu responsabbilta' tas-Sur Caruana. Minn dik id-data l'hemm isiru responsabbilta' tas-Sur Gaerty*.

*Skond l-opinjoni tiegħi, fejn għandek provisional sale of mobles b'ammont ċert u stabilit u metodu kif jitħallas, u Artikolu ieħor li jagħti responsabbilta' għall-ħlas sa ċertu data, mingħajr ammonti definiti etc għax kien għad iridu jiġu verifikati, mingħajr il-kunsens tal-partijiet jew xi deċiżjoni tal-Qorti, ma tistax parti waħda unilateralment topera tpaċija. Ma nafx jekk il-partijiet marrux għand it-Telemalta biex isir reading.*

*Kien hemm numru ta' pagamenti li ġew magħmulin mis-soċjeta' estera fil-kont tagħna biex aħna ngħadduhom lis-Sur Caruana. Wara li kkomunikajt ma' Dr. Pisani rriżultawli żewġ accounts li m'għadhomx jintużaw, pero' l-informazzjoni nistgħu nġibuha mill-bank. Il-konvenut suppost li għandu riċevuta għax għaddew kollha dawn il-flus. Biex nikkonferma liema huma l-pagamenti rrid nirċievi l-informazzjoni mill-HSBC u nqabbilha mal-bank statements."*

Illi fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2006 a fol. 288 xehdet mill-ġdid **Audrey Ghigo** li esebiet żewġ dokumenti Dok AG7, fol. 290 - 303 u AG8, fol. 304 - 314. Qalet ukoll li:

*"Bħalma għidt fis-seduta preċedenti aħna nżommu l-vouchers sa 5 years. Dawn huma dokumenti nterni li fuqhom hemm l-account number, pero' li mhumiex tal-*

*klijenti, fejn jidhru l-ammonti ndikati fuq l-istatements tal-ingunzjoni. Fuq l-inġunzjoni hemm indikat ukoll account number 009007051 li huwa kont intern tal-bank fejn isiru l-pagamenti. Mhux kont ta' Paul Caruana u lanqas ta' xi kumpanija. Il-kont tas-Sur Caruana huwa 021314498. Fuq dawn id-dokumenti nterni hawn kull account number fejn juru tal-bank interni wkoll."*

Illi a fol. 318 fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2006 xehed **Charles Attard** li xehed hekk:

*"Jiena Principal mal-Maltacom. Fl-1997 kont Assistant Principal. Is-Sur Caruana kellu kumpanija l-Belt u mbagħad mar tas-Sliema. Konna kkuntatjajnih peress li kellu jagħti lil Maltacom. Kien daħal is-Sur Gaerty, ġew flimkien. Peress li ma setgħux jagħmlu retention, jiġifieri jaqilbu l-isem minn wieħed għall-ieħor, naf li ftehmu li Caruana jżomm dak li kellu jagħti sa ċertu data u Gaerty kellu jħallas minn dik id-data 'l quddiem. Jien ma kontx involut f'dan il-ftehim ħlief min-naħa tal-kumpanija. Ma kontx preżenti fuq il-ħlasijiet tal-kontijiet tat-telefon. Kienu jagħmluhom huma. Id-data kienet 1997 xi ħaġa 1998.*

*Kienu saru xi pagamenti minn Ġunju 1997 lil hawn. L-użu li kien hemm kien beda jitħallas iżda l-bilanċ globali baqa' hemmhekk. Bħala proċedura tal-Maltacom qegħda li l-pagament jinqata' mill-arretrati, mhux jinqata' ta' dak li jkun ħallas.*

*Qabel Ġunju 1997, in-numri 322995, 322996, 322997, 322998, 322909, 344856 u 345581 kienu tal-kumpanija SCI. Aħna nafu lil Caruana għax hu kien holder tal-kumpanija. Is-Sur Caruana kien jiffirma għal-linja. Bil-permess tas-Sur Caruana dawn il-linji setgħu jiġu transferred. Biex isir it-transfer ried jitħallas kollox. Maltacom kienu fetħu kawża għall-ħlas. Naf li nqatgħet imma ma nafx kif baqgħu. Il-linji ġew removed.*

*Qabel Ġunju 1997 ġieli kien hemm problemi, ġieli qtajna linji tagħhom għax ma kinux jħallsu. Is-subscriber kien jiġi, nagħmlu ftehim, jagħmel pagament u jibqgħu isiru l-pagamenti. Once li bniedem ma jasalx, tinqata' l-linja u*

*tispiċċa. Dawn il-linji qatt ma ġew trasferiti fuq Rudolphe Gaerty."*

**Kontro-eżami**

*"Jiena rajt id-dokumenti, ġibthom miegħi wkoll. Rajt x'hemm u x'm'hemmx min-naħa tagħna skond it-taħrika.*

*Jiena llum għadni naħdem mal-Maltacom."*

Illi a fol. 325 ġiet preżentata nota b'affidavit ta' R**udolphe Gaerty** (Dok WP02) u **Dr. Alex Perici Calascione** (Dok WP03).

Illi l-affidavit ta' **Rudolphe Gaerty** jgħid hekk:

*"Fl-1995 jiena bdejt naħdem fl-uffiċċju ta' Malta ta' SCI Limited, kumpanija reġistrata l-UK, sussidjarja ta' MSI, kumpanija registrata l-USA, wara numru ta' interviews, fil-kariga ta' account executive (AE).*

*L-asset prinċipali ta' kwalunkwe head hunting operation huwa l-head hunter / AE. Paul Caruana ma kellux kontroll fuq dan l-asset għax l-AE's kienu marbutin bi ftehim esklussivament ma' SCI. Jien kelli nibda nopera bl-impjegati tiegħi "as fom the effective date". Caruana kellu nfrastruttura mejta mingħajr know-how, recruiters, u l-principal. L-impjegati kienu u baqgħu taħt l-istess prinċipal. Il-massimu tal-kontinwita seta' jintlaħaq biss kieku nżammet l-infrastruttura u b'hekk in-nies li kienu jċemplu lura għall-head hunters partikolari kienu jsibuhom. Il-goodwill kollu ta' l-uffiċċju kien esklussivament fin-numri tat-telefon li kienu jintużaw f'isem SCI. L-unika goodwill li l-infrastruttura seta' kellha kien biss dak li seta' jiġi mill-kontinwita' tas-servizz telefoniku, u ċjoe' min-numri speċifiċi li fuqhom stajna niġu kuntattjati.*

*Jien kont naħdem mill-uffiċċju lokali ġestit minn Paul Caruana. Fil-1994 Paul Caruana ġie maħtur institur tal-operat ta' SCI Limited minn Malta. Huwa kellu jipprovdi s-setup biex SCI topera minn Malta. Minkejja li l-AE's kollha kienu b'kuntratt ta' impjieg dirett ma' SCI, l-infrastruttura li*

*konna noperaw minnha kienet kollha pprovduta minn u f'isem Paul Caruana.*

*Paul Caruana ma kienx iħallas salarji għajr dik ta' segretarja waħda. Huwa kien allokat perċentwali mill-billing-fees ta' kull placement li minnha kellu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' l-uffiċċju nkluż il-kummissjoni ta' l-AE's u l-kontijiet tat-telefon. Minn Jannar 1996 dan kien 80% ta' dak fatturat.*

*Jien bħal kull AE ieħor, ġejt impjegat bħala self-employed ai termini tal-Liġi Maltija, iżda b'kuntratt dirett mas-soċjeta' Brittanika SCI Limited. Kopja tal-kuntratt preżentata maċ-ċitazzjoni.*

*L-interview tiegħi kien sar fost oħrajn minn Paul Caruana, l-Viċi-President tal-MSI Joe Wigins u xi AE's. L-uffiċċju Malti kien ilu jopera xi disa' xhur u ġie konkluż madwar 30,000 Stg. fi placements. Fis-sentejn ta' wara l-uffiċċju kkonkluda madwar 400,000Stg. f'cash-ins li minnhom jien kkonkludejt madwar nofshom. Permezz ta' dawn il-placements li kont nagħmel konsistentament, ikkwalifikajt fost l-aqwa billers ta' MSI. B'Hekk MSI offrewli li nitla' nagħmel Management Associate Program course ta' ftit ġranet f'Atlanta USA, fejn il-krema ta' l-AE's ta' MSI kienu jiġu mrawma.*

*Fl-aħħar xhur tal-1996 għalaqt placement speċjali: 100,000stg. Peress li kont naf li kien hemm diversi kontijiet tat-telefon pendenti offrejt lill-konvenut li ngħinu billi nsellfu parti mill-kummissjoni aktar minn Lm10,000, b'hekk serraħt moħħi li stajt inkompli naħdem u hu jħallasni lura minn ħlas minn placements li kellhom jidħlu fil-bidu tal-1997, jiġifieri ftit żmien wara.*

*Il-konvenut baqa' jitlob advances lil SCI biex iħallas kontijiet tat-telefon u jgħidilhom li ma kienx hemm biżżejjed dħul biex ikopri l-ispejjez. Ma kienx jinforma lil SCI bix-xogħol (placements) konkluż minn Malta u għalhekk fuq ir-records ta' SCI kien jidher li l-uffiċċju ta' Malta sejjer ħażin. Fir-rikonċiljazzjoni finali rriżulta li l-advances kienu jammontaw għal 100,000stg. F'Mejju*

*1997 intbagħtet Maria Valluzzi, General Manager ta' Londra, biex tħarreġ l-AE's Maltin u tgħin l-uffiċċju jmur aħjar.*

*It-taħriġ sar on a one to one basis. Kien hemm min gerger magħha li ismu ma deherx fil-monthly u quarterly reports. Huma kkonfermaw li kienu rċevew il-commission tagħhom. Kienet saret lista ta' placements konklużi li ma kinux jidhru fuq l-MSI reports u Valluzzi ssuspetta li kienu qed isiru xi direct billings, b'hekk tinqabeż l-MSI. Ma setgħetx tivverifika dan qabel tirritorna Londra u titkellem ma' Joe Wiggins u l-klijenti u kandidati nvoluti. Mal-konvenut ma ddiskutiet xejn minn dan. Il-konvenut kien ilu żmien jżommna minn kwalunkwe tip ta' komunikazzjoni ma' SCI. It-telefonati kienu jiġu reġistrati fuq tapes appożiti.*

*Il-proċedura kienet li meta AE jikkonkludi placement kien jgħaddih lis-superjur dirett tiegħu, il-konvenut, li min-naħa tiegħu kien obbligat jibgħat id-dettalji lil SCI Londra biex dawn jibagħtu l-fatturi lill-klijenti sabiex titħallas il-kummissjoni. Il-ħlas kienet tirċevih SCI li mbagħad tħallas a bażi ta' perċentwali prestabbilita' lill-konvenut, li mbagħad jgħaddi l-perċentwali rispettiva lill-AE li jkun kkonkluda l-placement.*

*Valluzzi tatna istruzzjonijiet sabiex inċemplu lill-President tal-MSI Eric Lindberg u filwaqt li hi kellmet lill-Viċi-President Joe Wiggins biex SCI / MSI jinvestigaw. L-AE's qablu li kelli nkun jien li nitkellem ma' Lindberg li għamilha ċara li ma kienx kuntent b'din is-sitwazzjoni. Wiggins iddispjacih li l-konvenut kien kiser il-ħbiberija personali tagħhom b'dan il-mod. Il-konvenut kien iddefrawdahom mill-kummissjoni dovuta lilhom fuq dawk il-placements plus kien ħa wkoll 100,000stg f'advances.*

*Wara kważi disa' xhur jiena wkoll bqajt ma tħallast xejn minn dak li kont sellift lill-konvenut. Inoltre, l-kontijiet tat-telefon pendenti baqgħu kważi xorta. Ħassejt li l-konvenut kien approfitta minni wkoll.*

*Minkejja dan kollu Wiggins ried jagħti l-opportunita' lill-konvenut li jiddikjara l-placements kollha hu, b'hekk Wiggins seta' jirranġa s-sitwazzjoni mas-sede prinċipali l-MSI fl-Istati Uniti u l-ftehim jibqa' miexi kif kien oriġinarjament miftiehem mal-konvenut. Iżda l-konvenut baqa' jinsisti li ma kienx il-każ u ma ħax din l-opportunita'.*

*Min-naħa tagħna (AE's) il-konvenut kien implikana ndirettament f'sitwazzjoni li pperikolat l-għixien tagħna*.

*MSI / SCI investigaw u sabu li l-fees kienu tħallsu direttament f'kontijiet li l-konvenut kellu kontroll esklussiv fuqhom. Dan hu konfermat minn lista ta' pagamenti li preżenta l-kovenut stess fil-kawża* ***"Caruana Paul vs Gaerty Rudolphe"*** *369/98, kopja tagħha hawn annessa Dok. RG 03.*

*Illi f'Ġunju 1997 Wiggins bagħat ittra jinforma lill-konvenut li l-institura tiegħu ġiet terminata (Dok. C. Fol.16). SCI talbu wkoll li ssir rikonċiljazzjoni finali iżda x-xogħol mibdi kienu se jonorawh skond il-ftehim li kellhom mal-konvenut. F'dan iż-żmien kien hemm ħames (5) persuni jaħdmu bħala AE's u Margaret Sammut Alessi segretarja. Kienet tieħu ħsieb ukoll xi affarijiet personali tal-konvenut*.

*Kulħadd kien inkwetat dwar il-futur ta' xogħolu. Biex ma tintilifx il-goodwill kollu li konna bnejna kien hemm bżonn ta' kontinwita' tal-operazzjoni tramite l-linji u numri tat-telefon rispettivi li l-kandidati u l-klijenti kienu jidentifikaw ma' ħidmietna. L-ammont ta' xogħol investit jidher mill-kontijiet li f'sena kienu jaqbżu Lm30,000.*

*Kien hemm xi pagamenti pendenti. L-uniku spejjeż tal-uffiċċju li kien hemm kienu paga ta' segretarja, stationery, kirja tal-uffiċċju u l-kontijiet tat-telefon. L-AE's kienu jitħallsu kummissjoni minn xogħlhom.*

*SCI tatna l-opportunita' li kulħadd jaħdem għal rasu, iżda l-AE's qablu li ladarba SCI kienu lesti jibqghu joperaw minn Malta tramite institur ieħor, ippreferew li jibqgħu jaħdmu f'isem SCI anke minħabba r-reputazzjoni globali u kredibilita' ta' SCI.*

*Il-konvenut kien sejjaħ laqgħa fejn infurmana li SCI ma kinux se joperaw aktar minn Malta u offrielna nibqgħu naħdmu f'isem kumpanija oħra. Aħna m'aċċettajniex.*

*Jiena kont l-uniku AE li kkwalifikajt skond il-kriterji ta' MSI biex immexxi uffiċċju ta' head hunting. Dan l-inkarigu ġie formalizzat permezz ta' ftehim ta' institura datat 15 ta' Ġunju 1997, Dok. RG04.*

*Joe Wiggins qabel magħna li l-kontinwita' tal-infrastruttura prinċipali, jiġifieri l-linji tat-telefon setgħet tgħin. Lindberg issuġġerixxi li nevita lill-konvenut sakemm ma jkunx hemm arranġament raġonevoli.*

*Wara numru ta' korrispondenza bejni u l-konvenut, wasalna għall-ftehim, RG13 u WP. Il-kontinwita' kienet importanti iżda mhux essenzjali li ma stajniex ngħaddu mingħajrha. L-infrastruttura sussidjarja kienet tikkonsisti fil-kirja ta' l-uffiċċju, għamara tal-uffiċċju, fax, photocopier u computer, li kienu kollha proprjeta' tal-konvenut. L-infrastruttura sussidjarja setgħet tinxtara mill-ġdid iżda mhux dawk in-numri tat-telefon eżistenti dak iż-żmien. Jien, għalhekk pruvajt nilħaq arranġament mal-konvenut. Diversi drabi nfurmajt lill-konvenut li kont nippreferi nixtri biss il-linji tat-telefon waħedhom iżda l-konvenut kellu nteress ferm akbar li jiddisponi mill-infrastruttura sussidjarja. Il-konvenut kien is-subscriber u mingħajr il-firma tiegħu jien ma stajtx nieħu l-linji f'idejja.*

*Jien ħassejtni obbligat lejn il-konvenut għaliex huwa kien li tani l-opportunita' naħdem ma' SCI u tani aktar ċans minn oħrajn, inkluż Joe Wiggins, li ma kellhomx daqshekk fiduċja fija. Is-suċċess li kelli kien anke mertu tal-konvenut. Iżda l-konvenut kien ferm urtat li jien ġejt appuntat institur minnfloku.*

*Jiena sirt institur ta' SCI indipendentement mill-ftehim li ffirmajt ma' Paul Caruana, għaliex SCI biss setgħu jaħtru institur biex jirrappreżentahom.*

*Jiena ġejt maħtur institur qabel ma ġie ffirmat il-ftehim bejni u Paul Caruana*.

*Jiena bħala institur ta' SCI ma kelli ebda obbligu nibqa' nopera mill-infrastruttura u l-uffiċċju ta' Caruana, iżda kien preferibbli li dan iseħħ*.

*Jiena ma kelli ebda pressjoni minn SCI biex nidħol f'xi ftehim ma' Caruana, u filwaqt illi l-Viċi President Joe Wiggins inkuraġġini nieħu l-infrastruttura, il-President tal-MSI Eric Lindberg kien irrakkomandali niftaħ uffiċċju ieħor u nġib linji ġodda.*

*L-SCI infurmaw lil Caruana illi huma ma kienux interessati jinnegozjaw miegħu fuq l-infrastuttura, iżda jekk kien ser jasal fi ftehim miegħi huma ma kienux jopponuh*.

*L-SCI tterminat l-institura ta' Paul Caruana bil-fax mibgħuta fis-6 ta' Ġunju 1997. Din il-fax iddeskriviet il-qafas u raġunijiet għal tali terminazzjoni*.

*Il-ftehim ma' SCI biex jien insir institur intlaħaq verbalment għall-ħabta ta' l-10 ta' Ġunju 1997 (ratifikat bil-miktub bil-ftehim datat ġimgħa wara per Dok RG04 hawn anness) u liema ftehim kien indipendenti minn kwalunkwe ftehim li jiena kont stajt jew ma stajtx nilħaq ma' Caruana.*

*L-attivita' kollha pendenti mat-terminazzjoni tal-institura ta' Paul Caruana kienet tikkonsisti fl-introduzzjonijiet jew aħjar send outs konfermati għal kandidat speċifiku ma' klijent (bank) speċifiku.*

*Jien ma kelli x'naqsam xejn ma' din l-attivita' pendenti għaliex l-intimat kellu relazzjoni diretta ma' SCI dwar dan u jiena qatt ma rċivejt xi ħlasijiet li kienu dovuti lilu.*

*Paul Caruana qatt ma ta delega lil SCI sabiex ladarba kienu jiġu konklużi xi placements huma iħallsu lili dawk l-ammonti li setgħu kienu dovuti lil Caruana fuq din l-attivita' pendenti. Kien għalhekk illi SCI setgħu biss jaġixxu abbażi tal-ftehim dirett li kellhom ma' Paul Caruana stess fuq din l-attivita' deskritta f'Artikolu 6 tal-ftehim, liema*

*pagamenti kienu jsiru direttament minn SCI lil Caruana. Għal dan il-għan, kif deskritt fil-fax tas-6 ta' Ġunju 1997 a fol. 70 u 71, fi żmien 30 jum kellha issir rikonċiljazzjoni bejn Caruana u SCI ħalli jsir il-ħlas tal-pendenzi kollha ta' bejniethom.*

*L-AE's ma kinux f'pożizzjoni finanzjarja u lanqas kellhom biżejjed esperjenza biex jkunu waħedhom (jien inkluż) u jarmaw kompletament għal rashom; għalhekk SCI kienet l-uniku soluzzjoni għall-futur tal-għixien tagħna.*

*L-AE's u jiena kellna obbligu li nirrispettaw u nonoraw non compete clause li kellna ma' SCI, li aħna ħassejna ruħna obbligati li nonoraw anke meta SCI stess ħelsuna minn dan l-obbligu.*

*Fix-xhieda ta' Eric Lindberg fil-kawża 354/01, il-fundatur tan-negozju, huwa spjega l-elementi u l-operat tan-negozju. L-institur huwa responsabbli għall-infrastruttura. L-account executive kellhom kuntratt ma' SCI. L-informazzjoni dwar klijenti, kandidati etc kienet proprjeta' ta' SCI. Il-kontijiet kienu joħorgu minn Londra u wara kien jgħaddi l-ħlas lil Malta.*

*Il-liċenzja tal-konvenut bħala institur ta' SCI ġiet terminata fis-6 ta' Ġunju 1997.*

*Il-konvenut ried jinnegozja l-infrastruttura ma' SCI iżda dawn ma'aċċettawx. Għalhekk huwa ġie jinnegozja miegħi. Inizjalment it-talba tiegħu ma kinitx vijabbli u meta wrejtu li l-uniku interess tiegħi kienu l-linji huwa eventwalment naqqas it-talba tiegħu.*

*Fil-Fax WP il-konvenut kien għamel pjan t'azzjoni li wassal għall-ftehim tas-16 ta' Ġunju 1997. Fih il-konvenut ikkonferma li se jħallas u jifdi d-dejn kollu konness ma' l-operat tiegħu bħala institur inkluż ir-rikonċiljazzjoni u t-telefon, li kellu jsir sal-5 ta' Lulju 1997. Dan kien il-bażi tal-ftehim iffirmat minnha t-tnejn fis-16 ta' Ġunju 1997 li ġie redatt mill-Avukat Perici Calascione fuq istruzzjonijiet tagħna t-tnejn. Jien ma ħadtx parir legali peress illi l-*

*Avukat kien wiegħed li ser ikun newtrali u mparzjali fl-interess taż-żewġ partijiet.*

*Iżda kien hemm attentat sabiex il-konvenut u l-istess uffiċċju ta' avukati jibdew joperaw uffiċċju rappreżentattiv ta' SCI / MSI ġewwa Frankfurt, Dok. RG05 u RG06, liema fatt imur kontra l-ispirtu tal-ftehim de quo. L-għan aħħari ta' dan il-ftehim kien biss smooth transition bejn l-institura tal-konvenut u dik tiegħi.*

*Il-ħsieb wara dan il-ftehim kien:*

*Artikolu 7.1 – Lm30,000 kien ftit jew wisq l-ammont dovut minn Paul Caruana lill-Maltacom fuq arretrati għall-linji tat-telefon ta' ġewwa ta' Sliema; il-ħlas tiegħi ta' dan l-ammont lil Paul Caruana kien intiż sabiex effettivament niffaċilita t-trasferiment ta' dawn il-linji billi dan ma kienx possibbli jekk ma kienux ser jitħallsu l-kontijiet. Dan il-ħlas sar minni lil Paul Caruana mhux aktar tard minn Lulju 1997.*

*Lm12,500 kien l-ammont dovut fuq l-għamara "at book value" – Artikolu 7.2.*

*Il-kera tal-uffiċċju ma fiha xejn speċjali, għalhekk din kellha valur limitat ħafna.*

*Artiklu 6 kien intiż sabiex jiggarantixxi illi l-ftehim li Paul Caruana kellu direttament ma' SCI jiġi rispettat. Dan ma kienx parti mill-"consideration" jew aħjar Artikolu 7 tal-ftehim. Jiena ffirmajt din il-klawsola biex niggarantilu illi jekk xi darba nirċievi bi żball xi kummisjoni li kienet dovuta lilu fuq xogħol konkluż tul l-institura tiegħu, jiena ma kontx se nżomm din il-kummissjoni u anke sabiex niggarantixxi illi l-kummisjoni dovuta lili u lill-AE's l-oħra fuq attivita' qadima tiġi mħallsa. Effetivament ladarba jiena u l-AE's kollha kellna ftehim dirett ma' SCI filwaqt illi Paul u SCI kellhom ftehim dirett bejniethom, jiena kont għidt lill-Avukat Dr. Alex Perici Calscione illi din il-klawsola kienet superfluwa u setgħet titneħħa anke għaliex SCI ma ffirmawx din il-klawsola. Iżda hu spjegali illi bi żball seta' jintbagħat xi ammont lili u b'hekk il-konvenut ma kienx*

*ikollu rimedju. Fil-fatt dan qatt ma ġara għaliex SCI dejjem ħallsu lill-konvenut direttament u jiena qatt ma rċevejt xi kummissjonijiet li kienu oltre dak dovut lili għal xogħli. Inoltre qatt ma saret delega mill-konvenut lil SCI biex huma jħallsu direttament lili xi ammonti li kienu dovuti lill-konvenut.*

*Artikolu 7.3 kien effetivament ftehim sabiex Paul Caruana jirċievi sehem ta' senserija fuq ix-xogħol ġdid konkluż tul l-institura tiegħi f'isem SCI u dan bħala kumpens talli l-istess Caruana obbliga ruħu li jċedi l-infrastruttura tiegħu sabiex jkun hemm tranżizzjoni mingħajr intoppi bejn il-management tiegħu u dak tiegħi. Ir-raġunament tiegħi hawn kien illi jekk anke persuna waħda biss kienet iċċempel u twassal għal placement, dan kien irendi lura (5%) kontemplata fl-Artikolu 7.3. Inoltre, ladarba kien hemm set-up lest, ma kienx ikolli noqgħod infittex uffiċċju ieħor*.

*Artiklu 3 kellu jiggarantixxi illi fl-ewwel lok l-infrastruttura tiġi trasferita lili ħielsa minn kull tip ta' djun u piżijiet ta' Paul Caruana. Dan kien jinkludi illi Paul Caruana jħallas l-kontijiet pendenti tal-linji tat-telfon numri 322995/7/8, 322909, 344586 (attwalment 344856) u 345581 sabiex jinħelsu dawn in-numri tat-telefon u jiġu trasferiti f'ismi. B'dan il-mod il-goodwill tal-imsemmija infrastruttura kien jiġi trasferit f'ismi. Effettivament, il-ħlas li għamilt ai termini tal-Artikolu 7.1 kien il-ħlas li jien għamilt sabiex jiġu mħallsa pendenzi li kien għad hemm dovuti minn Paul Caruana li kellhom jitħallsu minnu kif kontemplat f'artikolu 3. Iżda minkejja illi jiena ħallast immedjatament lil Paul Caruana t-tletin elf lira Maltin (Lm30,000) oltre l-fatt illi ħallast regolarment u qabel iż-żmien miftiehem il-ħamsa fil-mija (5%) kummisjoni dovuta lil Caruana ai termini tal-Artiklu 7.3, Paul Caruana baqa' ma ħallasx l-ammonti u kontijiet qodma. Mhux talli ġara dan, iżda saħansitra kredituri personali ta' Paul Caruana eżiġew ħlas mingħandi għall-affarijiet illi kienu responsabbilta' personali ta' Caruana.*

*Peress illi għalkemm il-konvenut obbliga ruħu u wiegħed diversi drabi wara li ffirmajna l-ftehim li s-servizzi tat-*

*telefon jiġu trasferiti u reġistrati f'ismi dan qatt ma sar mill-konvenut, kellha ssir din il-kawża.*

*Aħna għamilna perjodu nużaw dawn il-linji u jien kont inħallas regolarment il-kontijiet relattivi. Kont ilħaqt ftehim mal-Maltacom sabiex il-ħlas ta' l-użu telefoniku jitħallas b'ċekk korrispettiv ma' kull kont telefoniku, kif konfermat minn Margaret Sammut Alessi s-segretarja, u Charles Attard reppreżentant Maltacom. Ġieli ħallasna fuq estimates għax Maltacom ma riditx li jkun hemm pendenzi kbar minħabba l-piż li kien diġa' hemm fuq dawn il-linji. Sfortunatament is-sistema komputerizzata tal-Maltacom awtomatikament allokat dawn il-pagamenti kontra kontijiet li kienu għadhom pendenti taħt l-institura tal-konvenut. Iżda meta wieħed iqabbel il-pagamenti mal-ħlasijiet isib li dawn huma identiċi għall-ammonti dovuti fil-kontijiet li nħarġu taħt l-institura tiegħi, kif jirriżulta mill-istatements tal-Maltacom a fol. 55 et seq.*

*Jien ħallast l-użu kollu li sar minn dawn il-linji taħt l-institura tiegħi. Dan l-arranġament sar flimkien mal-konvenut fil-preżenza tar-rappreżentant Maltacom Charles Attard, bħala rimedju temporanju sakemm il-konvenut kellu jeħles il-kontijiet pendenti. Iżda Maltacom xorta rrifjutaw li jsir it-trasferiment qabel il-konvenut iħallas il-kontijiet pendenti.*

*SCI Malta baqgħet tuża l-linji sa l-aħħar xhur tas-sena 1998 meta l-Maltacom qatgħu s-servizz. Il-kontijiet ta' dan il-perjodu, eluf ta' Liri, tħallsu kollha, Dok. MSA1-51.*

*Matul dan iż-żmien bqajna nibnu fuq il-goodwill ta' dawn il-linji, bqajna ninvestu f'dawn il-linji, biċ-ċertezza li l-ftehim kien ser jiġi onorat mill-konvenut.*

*Fl-opinjoni umli tiegħi dan kien żball min-naħa tal-attur għax f'sena u nofs, mis-16 ta' Ġunju 1997 sa l-aħħar 1998, kien hemm żmien biżżejjed li wieħed flimkien ma' dawk in-numri telefoniċi irawwem u jagħti bħala kuntatti numri ġodda.*

*Il-kontijiet pendenti mill-konvenut kienu jammontaw għal aktar min Lm24,000 kif jirriżulta mill-kawża 298/99 u 1234/98 Appell 10 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **"Maltacom vs Paul Caruana"**. F'dawn il-kawżi l-konvenut ddikjara u xehed il-falz meta qal li ma humiex dovuti minnu.*

*L-avukat tal-konvenut diversi drabi nfurmani li l-liġi ma kinitx tippermettili nħallashom jien direttament. Tlabt ukoll li l-Lm12,500 dovuti minni lill-konvenut għall-għamara, jien inħallashom direttament lil Maltacom sabiex naqta' l-pendenzi tal-linji tat-telefon u b'hekk nagevola t-transfer tagħhom.*

*Offrejt ukoll li nisilfu flus kontra l-kummissjonijiet futuri ta' 5% iżda dan ġie rifjutat u l-Avukat tiegħu baqa' jinsisti li jiena ma stajtx nagħmel dak is-set off, Dok. RG08 u RG09.*

*Konsegwentament, il-konvenut ma onorax l-obbligi tiegħu skond il-ftehim, Artikolu 3. Aħna ma stajniex inkomplu nibbenefikaw mill-goodwill fil-linji telefoniċi li jien kont ħallast għalih, u li komplejna nibnu wara l-bidla fl-institura. B'hekk intilef l-iskop tal-ftehim u kkaġuna dannu akbar milli kieku jiena qbadt u avvjajt infrastruttura ġdida mill-ewwel. Tlift l-unika ħaġa li kellha valur fil-ftehim u aktar minn hekk investiment ulterjuri ta' għexieren ta' eluf ta' Liri u goodwill li nbena tul l-institura tiegħi fuq dawn il-linji tul perjodu ta' aktar minn sena wara l-imsemmi ftehim. Aħna ma kellna l-ebda walk in trade, iżda l-goodwill kien jikkonsisti esklussivament f'call back trade permezz tat-telefon għalhekk il-kontinwita' tas-servizz u numri speċifiċi kien fondamentali għal dan il-call back trade.*

*Jiena ma kelli l-ebda kontroll fuq dawn il-linji peress li ma kontx is-subscriber u għalhekk ma stajtx niddisponi minn dan il-goodwill. Maltacom waqqfu s-servizz f'Awissu 1998 u l-goodwill kollu kemm hu sfaxxa fix-xejn.*

*Fil-5 ta' Marzu 1998 il-konvenut intavola żewġ Mandati ta' Qbid Kawtelatorji 751/98 u 2308/99 għall-qbid tal-infrastruttura li l-konvenut kien obbliga ruħu li jittrasferili. Saret pressjoni u nsistenza mal-uffiċjali u Marixxalli tal-*

*Qorti biex l-infrastruttura maqbuda ma jsirx użu minnha u l-uffiċċju Ta' Sliema ġie ssiġillat u la jien u lanqas l-AE's ma stajna nibqgħu naħdmu minn hemm.*

*Konsegwentament jien kelli nagħmel arranġamenti oħra biex naqdi dmirijieti bħala institur ta' SCI mingħajr ma stajt nibbenefika mill-kontinwita' li ħallast għaliha lill-konvenut u b'telf ta' investiment ulterjuri fil-goodwill tal-linji tat-telefon. Kelli navvja infrastrutura ġdida. L-investiment li kont għamilt bil-ftehim mal-konvenut safa investiment moħli f'kapital mejjet, sfaxxa fix-xejn minħabba l-aġir tal-konvenut.*

*Minkejja dawn in-nuqqasijiet da parti tal-konvenut jiena xorta waħda bqajt inħallas lill-konvenut skond il-ftehim. Il-konvenut ġie ukoll aġevolat għax beda jirċievi l-ħlas tal-5% direttament fil-kont li ried hu, Dok. AG4, AG5, AG6, AG7 u AG8, kif ukoll Appendici 4 Dok. RG02.*

| Data | HSBC/Mid-Med Kont Nru | Ammont | Dokument |
|---|---|---|---|
| 26 ta' Ġunju 1997 | O21 314 498 | Lm 6, 363.09 | Dok AG4 |
| 7 ta' Lulju 1997 | O21 314 498 | Lm32,296.00 | Dok AG4 |
| 21 ta' Lulju 1997 | O21 314 498 | Lm13,939.24 | Dok AG4 |
| 7 ta' Ottubru 1997 | O21 314 498 | Lm25,109.32 | Dok AG4 |
| 9 ta' Diċembru 1997 | O21 314 498 | Lm19,362.34 | Dok AG4 |
| 29 ta' April 1998 | O21 314 498 | Lm3,138.98 | Dok AG4 |
| 18 ta' Settembru 1998 | O21 314 498 | Lm8, 075.87 | Dok AG4 |
| 1 ta' Marzu 1999 | 852 303 042 | Lm4,257.84 | Dok AG6 |
| 4 ta' Ġunju 1999 | 852 303 069 | Lm13,607.98 | Dok AG5 |
| 18 ta' Awissu 1999 | 852 303 069 | Lm20,019.14 | Dok AG5 |
| 25 ta' Ottubru 1999 | 852 303 042 | Lm17,550.72 | Dok AG6 |
| 5 ta' Frar 2000 | 852 303 042 | Lm 17,412.59 | Dok AG6 |
| 20 ta'April 2000 | | Stg 2,106.00 | |

*Il-konvenut tħallas 140,000 Stg (il-5% taħt Art. 7.3), Lm30,000 (Art. 7.1) u Lm12,500 (Art. 7.2).*

*Jien għamilt minn kollox biex l-attivita' tibqa' miexja b'suċċess filwaqt illi onorajt l-obbligi kollha tiegħi versu Caruana. Il-konvenut mhux biss m'onorax l-obbligi tiegħu iżda xekkel ukoll ħidmieti b'mandati vessatorji meta puvajt nibni infrastruttura ġdida.*

*MSI itterminat il-liċenzja tiegħi fl-14 ta' Frar 2000, Dok. RG10 minħabba l-aġir irresponsabbli u xejn professjonali tal-konvenut, kif jikkonferma wkoll Eric Lindberg fl-affidavit tiegħu (RG11), u korroborat mill-istess xhud fil-kawża 354/01JRM fl-ismijiet* ***"Paul Caruana vs Global Executive Search Limited et"*** *(Dok. RG 12). Il-konvenut kien a konoxxenza ta' dan kollu peress li rċieva direttament kopja ta' kull korrispondenza minn MSI gia SCI UK Limited. Oltre n-nuqqasijiet tal-konvenut, konsegwenza tal-aġir tiegħu fi Frar 2000 jiena tlift l-impjieg tiegħi u tal-AE's l-oħra. Minħabba l-aġir tal-konvenut fl-14 ta' Frar 2000, MSI ddeċidew li isimhom ma jibqax konness bl-ebda mod ma' Malta u Paul Caruana.*

*Għaldaqstant, il-business mertu tal-kuntratt tas-16 ta' Ġunju 1997 ġie fi tmiemu. Il-konvenut la rċieva u lanqas seta' jirċievi ebda kummissjoni allegatament dovuta abażi tal-ftehim. Ladarba l-kummissjoni dovuti kienet bażata fuq placements, it-terminazzjoni mis-soċjeta' estera wasslet għat-terminazzjoni tax-xogħol kontemplat fil-ftehim. Fil-fatt l-aħħar placement li tħallasna għalih kien għal ħabta ta' Marzu / April 2000."*

Illi l-affidavit a fol. 433 ta' *Dr. Alex Perici Calascione* jgħid hekk illi:

*"In vista tas-sigriet professjonali qed nillimita ruħi għall-fatti oġġettivi. Fuq talba ta' Caruana, Gaerty kien aċċetta li 5% mill-kummissjoni totali titħallas direttament lil Caruana minn SCI. Gaerty ta delega lil SCI biex il-5% jiġu mnaqqsa u trasferiti direttament fil-kontijiet bankarji ta' Caruana (Art. 7.3, prg.3). Għall-ħabta tal-ewwel xhur tal-1999, Caruana talab l-assistenza tal-uffiċċju legali tagħna sabiex il-5% jirċevihom fil-clients' account tal-uffiċċju legali tagħna. Aħna konna għamilna l-arranġamenti neċessarji. Wara li vverifikajt ma' l-istatements bankarji, nikkonferma*

*illi kienu wasslu pagamenti hawn indikati, (tabella fl-affidavit) liema flus ġew immedjatament mgħoddija u mħallsa lil Paul Caruana."*

Illi fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2007 (fol 452) sar il-kontro-eżami ta' **Rudolphe Gaerty**, fejn intqal illi:

*"Fil-ftehim li jien għamilt ma' Paul Caruana dehert personalment u mhux in rappreżentanza ta' xi ħaddieħor. Fil-ftehim jien semmejt lil SCI imma dawn ma kinux firmatarji tal-ftehim.*

*Fl-affidavit tiegħi semmejt l-institura, u ċjoe' min jirrappreżenta f'Malta l-interessi ta' SCI.*

*L-institura tal-konvenut ġiet itterminata fis-6 ta' Ġunju 1997 permezz ta' ittra mibgħuta minn SCI li tawh 30 ġurnata biex jikkonkludi kull ma kien hemm għaddej. Jiena kont naf b'dan meta ffirmajt il-ftehim mal-konvenut u għalhekk ma kontx sorpriż.*

*Ix-xogħol tagħna l-aktar li jkun għaddej huwa bejn Jannar / Frar u Ġunju / Lulju, fejn l-aktar li jinbeda u jingħalaq xogħol. Imbagħad għandek perjodu fejn kważi jkun mejjet, bejn Awissu u l-bidu ta' Frar. Skond il-ftehim il-konvenut kien opera "under licence and the name of SCI". Hu ma kienx messaġġ SCI.*

*Jiena nsostni li kull penny, kull one cent li kellu jieħu Paul Caruana, ħallastu.*

*Qabel inqagħlet il-kwistjoni tal-Maltacom, il-konvenut kien ikkontenda li ma tħallasx, iżda jien vverifikajt ma' SCI u kont kuntent li l-ammonti kollha li kellu jitħallas, tħallashom kif u meta qaluli.*

*Jiena rrispondejtu fis-sens li jekk hemm xi placement partikolari li ma hux inkluż fil-listi li tajtek, inħallsek mill-ewwel. Kienu qed jiġu n-nies l-uffiċċju jiċċekkjaw li jkun għaddej u jiħħeressjaw lil min kien l-uffiċċju, siegħa kull wieħed. Caruana mmaġina li kien affarijiet li ma kontx qed ngħid bihom u għalhekk ppretenda li jitħallas aktar.*

*Jien għaddejt minn kważi 7 snin naqla' ġo fija, mandat wara l-ieħor, li m'humiex ġustifikati.*

*Jien offrejtlu li ngħinu finanzjarjament, 'il fuq minn Lm10,000 li kelli nieħu commission, biex bihom iħallas il-kontijiet tat-telefon. Il-Maltacom kienu qed jiġu jaqtgħulna l-linji kull ġimagħtejn / tliet ġimgħat. Kien hemm kontijet pendenti wkoll mill-uffiċċju tal-Belt. L-ewwel tella' kont hemm u ħallih pendenti, imbagħad beda jtella' kont ieħor x'ħin morna Tas-Sliema. Dan qabel il-ftehim. Jien xtrajt il-linji Tas-Sliema għax Maltacom qaluli li jekk Caruana jħallas il-linji tas-Sliema, jagħtuni l-linji f'idejja.*

*Jiena kont naf li hemm pendenzi u nsistejt li jitniżżel fil-kuntratt illi dawk il-pendenzi għandhom jitħallsu. Jiena ma nafx min ħallas il-kors tal-Management Associate Program li għamilt barra. Ma nafx hux jien jew il-konvenut.*

*Maria Valluzzi ġiet biex tħarreġ l-AE's. Huma kienu għaddejin minn perjodu rekord f'Londra u ma setgħux jifhmu kif Malta mhu qed tagħmel xejn. Ma ġietx biex tara l-operat ta' Caruana jew ta' xi ħaddieħor. Huma ma kinux komdi bl-ammont ta' produzzjoni li kien għaddej mill-uffiċċju.*

*Min-naħa ta' SCI kienu qed jaqrawha illi jekk il-biddings mhux qed jgħaddu, u għandek numru ta' nies li mhux jipproduċi, allura l-manager kien il-problema.*

*Ma niftakarx eżatt kemm domt nuża l-linji qabel inqatgħu. Inqatgħu f'xi August – October 1998. Iżda kien hemm żmien fejn ma stajtx nuża l-linji għax l-uffiċċju ġie ssiġġillat minħabba mandat li għamel il-konvenut stess.*

*F'Awissu-Ottubru 1998 il-kwistjoni mal-konvenut kienet diġa nqalgħet. Jiena rċevjet l-ewwel ittra uffiċjali xi sitt ġimgħat wara li ffirmajna l-ftehim, jiġifieri anke fiż-żmien li kont qed nuża l-linji. Imbagħad meta wieħed jara ittri oħra li ntbagħtu li l-konvenut kien interessat jopera uffiċċju għal SCI minn Frankfurt, il-biċċa tieħu kuntest ieħor."*

Illi fis-seduta tal-14 ta’ Marzu 2007 tkompla l-kontro-eżami ta’ Rudolphe Gaerty:

*“Il-kontijiet baqgħu ma tħallsux. Aħna komplejna nużaw il-linji, bil-Maltacom igergru għall-ħlas kull ftit żmien. Jien ma ridtx li nibqa’ nuża t-telephones, imma li l-linji jiġu tiegħi.*

*Jiena ppruvajt li jitħallsu bi tpaċija tal-5% dovuta lill-konvenut, iżda l-Avukat tiegħu Dr. Alex Perici Calascione qalli li legalment m’inihiex awtoriżżat li nagħmilha u għandi dokument relattiv.*

*Qabel inqalgħet din il-kwistjoni tal-linji ma kienx hemm kwistjonijiet oħra, kif qed jiġi suġġerit lili, dwar il-persentaġġ li kellu jitħallas il-konvenut u dwar placements ai termini tal-ftehim. Jekk kien hemm xi diżgwid kienet kwistjoni biss bejn il-konvenut u SCI, jien ma kellix x’naqsam magħha. Sal-5 ta’ Lulju kellu jissortja l-linji u sa dakinhar ma kien hemm l-ebda cash ins. Sa meta nqalgħet il-kwistjoni tal-linji, ma kien hemm l-ebda kwistjoni fuq flus li kellhom jitħallsu lill-konvenut, għax il-ħlas kien dovut fuq cash ins.*

*Jiena ma ftaħtx il-kawża kontra Caruana, qabel ma hu fetaħ il-kawża odjerna, għax sa Ġunju 1998, jiena bqajt nittama bħal iblah li Caruana jħallashom u jiena nieħu dawn il-linji f’idejja. Kont investejt ħafna flus f’dawn il-linji u b’hekk saru aktar importanti. Jien kont għadni nemmen li se nirranġaw.*

*Mill-2000 ‘il quddiem ma kien hemm assolutament xejn li kien parti mill-ftehim li Paul Caruana kien wiegħed li ħa jagħtini li fil-fatt tahuli. L-għamara nqabdet għax Caruana ħass illi kellu jitħallas aktar milli suppost, imma ma jfissirx li fil-fatt għandu jitħallas aktar. Kien hemm kwistjoni aktar tard, il-kawża tiegħu nfetħet fil-1998.*

*Ma kienx hemm raġuni għax ma riedx jiftiehem. L-ewwel raġuni kienet li hu kellu credit ta’ 27,000 li ma riedx jitilfu. Il-linji ma riedx jgħaddihom, le ma riedx.*

*Xi 7 jew 8 xhur wara l-ftehim, Frar 1998, kien hemm ittra uffiċjali. Il-kwistjoni tat-telefon inqalgħet mal-ewwel, fi ftit ġimgħat. Sa fejn naf jien Maltacom pproċedew wara, imma kien ilhom iċemplu biex jitħallsu xi 9 xhur, saħansitra bagħtuli ittra biex inħallas, fejn ġejt mitlub inħallas."*

Illi l-kontro-eżami tkompla a fol. 474 fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2007:

*"Ai termini tal-ftehim jiena kelli obbligu li f'Ġunju tas-sena ta' wara, jiġifieri June / July 1998, nħallas lil Caruana tal-għamara. Jiena ħallastu wara. Kont bgħatt ittra lill-Avukat tiegħu biex dawn it-Lm12,500 inħallashom pagament fuq il-linji. Kien hemm ammont ferm akbar dovut għall-hlas tal-linji. Hu bagħatli li m'aċċettax u bażikament jumejn wara għamilli mandat. Fetaħli kawża u fiha jiena għamilt kontro-talba fejn tlabt ir-rexxissjoni tal-kuntratt abbażi tal-fatt li l-linji ma kinux ġew trasferiti.*

*Jiena ħallastu fil-mori tal-kawża għax l-Imhallef qalli niftaħ kawża oħra għall-ammonti kollha li Caruana kien dovut iħallas, bħal pagamenti ta' refunds dovuti lill-AE's li kienu jammontaw għal eluf ta' Liri kif ukoll ammonti dovuti fuq linji tat-telefon oħrajn apparti dawk imsemmija, li kienu jwasslu għal eluf ta' Liri, u mhux nagħmel kontro-talba.*

*Jiena mort biex isir t-transfer għand il-Maltacom iżda qatgħuli barra peress li m'inix is-subscriber. Aħna bagħatna bil-miktub.*

*Lil Caruana ktibtlu biex isir dan it-transfer l-ewwel xahar. Ma ktibtx iżda rrispondieni fuq it-telefonata li kont għamilt fl-ewwel xahar u l-Avukat tiegħu qalli li m'għandi l-ebda dritt nagħmel pagament tal-clients in Maltacom*.

*Ma naqbilx li kien hemm obbligi oħra li jien ma onorajtx għax it-telephones kellhom jinqalbu prattikament immedjatament. Kif ikun f'pożizzjoni li jħallas, iħallshom mal-ewwel.*

*"As and where possible", meta ddiskutejtha ma' l-Avukat tiegħu qabel iffirmajt, qalli li tfisser l-iktar malajr possibbli.*

*Mistoqsi jekk kienx hemm klawsola li tgħid x'se jiġri jekk il-linji ma jiġux trasferiti, ngħid illi qabel ma ġie ffirmat il-ftehim kien hemm numru ta' korrispondenza li Caruana kellu jimxi fuqhom, u kellu 30 ġurnata biex jattwahom, sal-5 ta' Lulju. Dan qatt m'għamlu u konsegwentament il-biċċa baqgħet litigjuża snin wara. Jekk tneħħi l-linji mill-equation, Caruana ma kien jibqagħlu kważi xejn x'jittrasferixxi.*

*Fil-ftehim ma hemmx data biex jittrasferixxi l-linji u lanqas provvediment x'jiġri jekk il-linji ma jiġux trasferiti. Kont injorant u fdajtu. Jien rappreżentanza ta' avukat la kelli fuq il-ftehim u lanqas għal diversi xhur wara. Kien hemm diversi korrispondenza fejn l-item ġie diskuss bejn iż-żewġ avukati.*

*L-item ġie diskuss iżda interpellanza uffiċjali ma kienx hemm.*

*Ma nafx meta saret l-ewwel ittra. Roughly kien Awissu-Ottubru 1998, meta ma bqajtx ikolli aċċess għall-bini. Pero' kien hemm ħafna korrispondenza qabel, fosthom fuq il-linji telefoniċi.*

*Caruana interpellani fuq ammont li kkljekmja li kellu jieħu, qabel ma nqagħlet il-kwistjoni tal-linji. Għalkemm uffiċjalment jien ma kontx għadni interpellajtu, mhux uffiċċjalment kont għamiltlu diversi talbiet sabiex jagħmel it-transfer tal-linji mill-aktar fis possibbli.*

*Kien hemm ħafna telephone calls, saħansitra recorded madwar Settembru – Novembru 1997, bejn jien, l-Avukat u Caruana.*

*Il-kwistjoni tal-persentaġġ li kellu jitħallas Caruana nqalgħet mal-ewwel għax hu kellu jasal fi ftehim fuq kemm kien hemm pendenzi bejniethom, within 30 days, u dan ma sarx. Fl-ewwel xahar ta' wara l-ftehim ma kienx hemm attivita' ġdida konkluża. Kien kollox li nbeda qabel.*

*Jien traslokajt mill-uffiċċju tas-Sliema meta kien hemm każ li nqatgħu l-linji tat-telefon iżda qabel ma nqatgħu permanentament mill-Maltacom, wara li bagħtuli ittra uffiċjali biex inħallas. Kelli soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni, li kienu l-istar services, li jien ma kellix aċċess għalihom. Il-kawża prinċipali għaliex traslokajt kienu l-linji tat-telefon. Kien diffiċli li ġġib linji ġodda f'post fejn diġa kienu nqatgħu linji tat-telefon u l-linji ma kinux imħallsin.*

*Ma kienx hemm raġuni oħra partikolari kbira, forsi li wieħed ikabbar, iżda dak iż-żmien stajna nieħdu appartament ieħor ta' fuqna per eżempju, għax kien hemm offerta dak iż-żmien.*

*Li kieku t-trasferiment tal-linji seta' jsir kien ikun rrelevanti fejn konna se nittraslokaw, għax konna nieħdu post ieħor tas-Sliema bl-istess linji. Fil-mument li kien ovvju li l-linji ma kienx hemm lanqas ċans żgħir li jiġu f'idejja, l-post ġie rrelevanti peress li l-linji ma kellniex aċċess għalihom bħala transfer.*

*Ma jidhirlix li għamilt applikazzjoni għar-redirection, imma jekk għamilt ma ġietx aċċettata għax qalulna li "s-signature tagħna mhux qegħda hemm". L-applikazzjoni tagħna ġiet rifjutata, minkejja dak li qal ix-xhud tal-Maltacom. Fil-fatt "jekk tara l-istar services, l-istar services lanqas ġew użati, tant kemm konna nafu li nistgħu nużawhom".*

Illi a fol. 489 fis-seduta 5 ta' Novembru 2007 tkompla l-kontro-eżami ta' **Rudolphe Gaerty;**

*"Għal żmien limitat ħafna, madwar xi sena u ftit xhur wara Ġunju 1997, jien bqajt nuża dawk il-linji. Permezz tal-ftehim jien ridt li jkolli kontroll fuq dawk il-linji għax konna qed inkabbru l-goodwill tagħhom mingħajr ma kellna kontroll fuqhom.*

*Ir-reconciliation of accounts li kellha ssir sal-5 ta' Lulju 1997, kienet tikkonċerna lil Caruana u SCI. Dwar ir-reconciliation qatt ma kien hemm qbil bejn Caruana u SCI.*

*Ladarba kien hemm l-Artikolu 3 dwar ir-responsabbilta' ta' Paul Caruana u r-responsabbilta' tiegħi, jiena kelli moħħi mistrieħ niffirma dak il-ftehim. Pero' Caruana daħħal lili fin-nofs u qalli li l-linji mhux se jittrasferihomli għax ma kienx qed jirċievi l-ħlasijiet. Iżda jiena ma kelli x'naqsam xejn ma' dawk il-ħlasijiet għax ma kinux parti mill-ftehim tiegħi iżda kienu parti mill-ftehim bejn Caruana u SCI*.

*Caruana rċieva aktar minn Lm100,000 biex iħallas il-linji u jittrasferihom f'ismi iżda baqa' ma ħallashomx. Jien kull ġimgħa kont nirċievi telefonati mill-Maltacom li ġejjin jaqtgħu l-linji. Il-linji bqajt nużahom sakemm inqatgħu. Pero' dan ma kienx għal żmien twil għax l-uffiċċju kien ġie ssiġillat.*

*Il-kawża tal-Maltacom saret kontra Caruana, il-linji baqgħu f'ismu."*

Illi a fol. 495 sar ri-eżami ta' **Rudolphe Gaerty** fejn intqal illi:

*"L-uffiċċju ġie ssiġillat tramite l-Qorti fuq talba ta' Caruana permezz ta' wieħed mill-mandati li għamel Caruana.*

*Fi żmien Paul Caruana, l-flus mingħand il-klijenti kienu jirċievu kollox SCI. Kien għalhekk li ġie tterminat għax kien rċieva xi flus direttament u qalulu li ma jistgħux jafdawh. Matul l-appuntament tiegħi, kull invoice kienet tintbagħat lil SCI li kienet iżżomm il-5% u tibgħatha direttament lil Caruana jew lill-Avukat tiegħu. Dwar l-80% l-SCI qisuh li dak ma kellix x'naqsam miegħu u ntbagħat direttament lil Caruana. Il-ftehim kien bejniethom. Dan il-ftehim qatt ma ffirmawh.*

*Dwar x'kellu jieħu Caruana, SCI kellha kollox, minħabba li kellha l-kuntratti tal-AE's.*

*Għalhekk jekk Caruana seta' kellu xi claim din setgħet tkun biss għal dak il-perjodu ta' erba' ġimgħat. Placement minnhom li kien ta' $350,000 li Caruana tħallas minnu fuq $100,000, kont għamilt il-meeting jien bejn is-6 ta' Ġunju*

*meta Caruana ġie tterminat u l-15 ta' Ġunju meta ffirmajna l-ftehim. Kieku ridt naħbi xi ħaġa kont naħbi dik imma jien ma ħbejt xejn. Caruana kollox ħa, from A to Z."*

Illi fis-seduta 20 ta' Frar 2008 a fol. 503 xehed **Charles Attard** fejn qal illi:

*"Niftakar li kont xhedt f'din il-kawża. Għal-lum irċevejt taħrika. Dwar il-linji telefoniċi, m'għandiex dati tar-removals tagħhom. Bħala fatt dawn il-linji m'għadhomx jintużaw. L-eżerċizzju għamiltu bil-kompjuter fuq isem Paul Caruana. M'għamiltux manwalment.*

*Request għal transfer minn subscriber għall-ieħor ma kienx hemm. Ma nafx kienx hemm request for transfer minn post għall-ieħor. Dwar il-linji tal-Belt dawn kienu ġew terminati. Pero' jista' jkun li kien hemm xi transfer minn post għall-ieħor rigward ta' Tas-Sliema, pero' tgħidlix minn post għal liema wieħed. Din l-informazzjoni nista' nġibha.*

*M'għandix informazzjoni dwar jekk Gaerty jew SCI applikawx għal xi linji telefoniċi."*

Illi a fol. 509 fis-seduta 14 ta' Mejju 2010, fuq rikors tal-konvenut, li għalih l-attur irrimetta ruħu, il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-proċess fl-ismijiet inversi Nru: 1942/98 AJM li marret deżerta fl-Appell fl-1 ta' Novembru 2004.

Illi a fol. 560 reġa' xehed **Carmel Attard** fejn qal illi:

*"In-numru tat-telefon 21322909 kien beda bħala 347045. Kien installat fi Triq Sir Augustus Bartolo, Ta' Xbiex. Fid-dokumenti għandi l-informazzjoni kollha fuq il-linji kollha u ċjoe' jekk sarux xi disconnections min-naħa tas-subscriber jew min-naħa tal-corporation, jekk sarx xi trasferiment jew kienx hemm request għal trasferiment.*

*Ma jirriżultalix hemmx request subscription minn Paul Caruana għal fuq Rudolphe Gaerty jew għal xi terz mhux Rudolphe Gaerty. Lanqas applikazzjonijiet. Kien hemm servizzi addizzjonali għal-linji tat-telefon. Kien hemm itemisation fil-1997 minn Paul Caruana u disconnection ta'*

*uniting system fil-1998 minn Margaret Sammut Alessi. Request għal transfer ma kienx hemm.*

*M'għandix informazzjoni dwar minn min saru l-pagamenti u ma jirriżultax mid-dokumenti. Fiżikament jidhirli li n-numri kollha baqgħu l-istess indirizz 39/2, Tigne Seafront. Ma kienx hemm trasferiment. Fil-file m'hemmx applikazzjonijiet. Trasferimenti la fiżikament u lanqas minn subscriber għall-ieħor ma sibt. U lanqas request la fiżiku bħala premises u lanqas bħala subscriber."*

**Kontro-eżami**

*"Meta ġew disconnected il-linji kienu f'isem Paul Caruana. Biex jiġu transferred bħala proċedura jrid jitħallas il-bilanċ li jkun hemm fuq il-linji.*

*Dwar pagamenti għandi dokument (esebiet) li Gaerty kellu jħallas minn tali ġurnata u Caruana jkun responsabbli minn tali ġurnata."*

Illi a fol. 571 -573 fl-affidavit tiegħu **Paul Caruana** jgħid illi:

*1. Ngħid illi jiena nagħmel referenza għall-affidavit tiegħi fejn jiena spjegajt b'mod ċar u dettaljat dak li ġara mal-konvenut Rudolphe Gaerty, liema affidavit jiena ressaqt fil-kawża li jiena għandi fil-konfront ta' Rudolphe Gaerty li għadha pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u li ġġib iċ-ċitazzjoni numru 369/1998/JRM [Dok. 'JRM' esebit ma' din id-dikjarazzjoni tiegħi;*

*2. Ngħid illi dan kollu li jiena spjegajt fl-imsemmi affidavit tiegħi kien wassal ħalli fit-23 ta' Frar 1998, jiena ninizja proċeduri fil-konfront ta' Rudolphe Gaerty fil-kawża hawn fuq indikata:*

*3. Minn din id-dikjarazzjoni maħlufa tiegħi li jiena ressaqt fil-kawża li jiena ftaħt fil-konfront ta' Rudolphe Gaerty hemm imniżżel dak kollu li wassal għal dan il-każ u fejn kien Rudolphe Gaerty kien kiser il-ftehim u mhux jiena. Għalhekk jiena ħalli ma nerġax nirrepeti dan kollu*

*jiena qed inressaq dan l-affidavit tiegħi flimkien ma' din id-dikjarazzjoni tiegħi;*

*4. Wara li jiena pproċedejt kontra Gaerty, imbagħad Rudolphe Gaerty ressaq din il-kawża ħalli huwa jipprova jwaqqa' l-ftehim għaliex huwa qed isemmi li kont jiena li ksirt il-ftehim u mhux hu. Dan mhuwiex minnu għaliex dan Gaerty mill-ewwel ma riedx iħallas dak li kien dovut lili skond il-ftehim ta' bejnietna. Għalhekk ma kinitx kwistjoni li jiena ma ridtx inħallas il-kontijiet ta' 'telephones' fuq il-linji li kien jopera bihom Gaerty iżda għaliex dan Gaerty ma riedx jagħtini dak li hu tiegħu. Kien għalhekk illi l-kontijiet tat-telephones ma tħallsux u mhux bil-kontra;*

*5. Nirreferi għad-dikjarazzjoni maħlufa li ressaq Rudolphe Gaerty f'din il-kawża. Kont jiena stess li ridt 'smooth transition' ma' Gaerty għaliex jiena għalkemm kont se nittrasferilu l-attivita' ta' 'head-hunting' tiegħi jiena ma ridtx problemi u fl-aħħar mill-aħħar ridt li nitħallas dak li hu tiegħi bi dritt skond il-ftehim ta' bejnietna. Għalhekk jiena ma kelli l-ebda ntenzjoni li nipprova nwaqqaf lil Rudolphe milli jibqa' jaħdem għaliex jiena kont se nieħu perċentwali min-negozju li jkun għadu għaddej u dana skond ma jidher mill-ftehim ta' bejnietna;*

*6. Ngħid illi kont jiena li lil Rudolphe Gaerty bgħattlu ittra uffiċjali bil-Qorti permezz tal-Avukat tiegħi ta' dak iż-żmien nhar il-23 ta' Settembru 1997 [Dok. 'RR1'] ħalli jonora l-ftehim ta' bejnietna u dana billi jħallas dak li kien dovut lili skond il-ftehim billi dak iż-żmien jiena rrealiżżajt li kien hemm ħlasijiet li kellhom isiru lili bir-rata ta' 80% li Gaerty beda jħallasni bil-5% u kien hemm 'placements' li addirittura Gaerty ma kien qed iħallasni xejn tagħhom;*

*7. Wara din l-imsemmija ittra uffiċjali Gaerty ħareġ b'din l-iskuża li jiena rrid inħallas il-kontijiet pendenti tal-linji telefoniċi. Jiena m'hemmx dubju li kont inħallashom dawn il-kontijiet kieku Gaerty żamm mal-ftehim tiegħu u ma' l-obbligu prinċipali tiegħu, jiġifieri dan li lili jħallasni l-persentaġġi rispettivi skond il-ftehim u skond il-'placements' li kienu qed jiġu affetwati;*

*8. Kien għalhekk illi jiena ressaqt kawża għaliex Gaerty ma ħallilix triq oħra. Jiena għamilt ukoll serje ta' mandati ħalli nħares il-pretensjoni tiegħi li jiena ressaqt kawża dwarha liema pretensjoni kiener ta' eluf u eluf ta' liri;*

*9. Ngħid li hu minnu li jiena ma ridtx li nagħmel "set-off" ma' l-ammonti li kellu jagħti Rudolphe Gaerty bħala ħlasijiet skond il-ftehim u l-ħlasijiet li jiena kelli nagħmel in konnessjoni mal-linji telefoniċi. Jiena ma ridtx nagħmel dan għaliex jiena kont inħallas dan il-kontijiet iżda Gaerty ma riedx jagħtini dak li hu tiegħi minn ftit zmien wara li aħna konna ffirmajna dan il-ftehim.*

*10. Ngħid illi jiena kelli problema ma' Rudolphe Gaerty anke ħalli nitħallas tal-għamara li jiena fuq il-ftehim ta' bejnietna għaddejt lil dan Gaerty. Gaerty lanqas ta' dan ma ried iħallasni u jiena għalhekk niftaħ kawża ħalli nitħallas ta' din l-għamara. Wara li ftaħt il-kawża, Gaerty ddeċieda li jħallasni waqt il-kawża ħafna wara ma dawn kienu dovuti skond il-ftehim ta' bejnietna. Din il-kawża kienet quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u ġġib iċ-Ċit. Nru.: 1942/1998/AJM – fl-ismijiet* ***"Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty"****. Għalhekk ma nistax nifhem kif issa dan Gaerty qed isostni li kont jiena li ksirt il-ftehim ta' bejnietna meta ma ħallastx il-kontijiet in konnessjoni mal-linji telefoniċi ndikati minnu;*

*11. Ngħid illi dan Rudolphe Gaerty xorta waħda baqa' juża dawn il-linji telefoniċi fl-attivita' tiegħu ta' 'head-hunting' li jiena kont ittrasferejtlu u dana għalkemm hu kien iddeċieda li ma jonorax l-obbligi li huwa kien assuma fl-imsemmija skrittura ta' bejnietna hekk kif jiena ġja' spjegajt. Jiena ma stajtx naċċetta l-fatt illi Gaerty ried li l-linji telefoniċi jinqalbu fuqu ħalli hu jibda għaddej bix-xogħol tiegħu u fl-istess waqt hu ma jħallasnix dak li kien dovut lili;*

*12. Ngħid illi fil-ftehim ta' bejnietna lanqas biss hemm terminu ta' meta jiena kelli naqleb dawn il-linji telefoniċi fuq Gaerty u għalhekk jiena stennejt li Gaerty jibda jonora l-obbligi ewlenin tiegħu fl-imsemmi ftehim qabel ma*

*jippretendi li jiena bħala 'subscriber' fuq l-imsemmija kontijiet telefoniċi naqleb dawn il-linji telefoniċi fuq Gaerty;*

*13. Nikkonkludi billi ngħid li ma nafx kif issa Rudolphe Gaerty qed jippretendi li jwaqqa' l-ftehim meta kien hu stess li mill-ewwel kiser dan il-ftehim."*

Illi a fol. 576 affidavit **Paul Caruana** fil-kawża 369/98AJM fl-ismijiet inversi jgħid hekk:

*"Jiena kont introduċejt lil SCI f'Malta fl-1994, minn uffiċċju l-Belt. Bnejt portfoljo ta' xogħol konsistenti f'database ta' ismijiet ta' persuni li riedu jimpjegaw ruħhom jew jibdlu l-impjieg tagħhom, primarjament fis-settur bankarju internazzjonali u tat-teknoloġija tal-informatika, kif ukoll diversi banek li riedu jimpjegaw in-nies attwalment jew fil-futur.*

*Dan ix-xogħol jissejjaħ 'head hunting'. L-SCI hija prinċipalment bażata l-Amerika b'numru ta' fergħat f'postijiet oħrajn u b'uffiċċju prinċipali f'Londra. Kull uffiċċju jkun responsabbli għal area ġeografiku. Aħna stajna noperaw fit-territorju tal-Ewropa.*

*Il-ftehim tiegħi sar ma' Joe Wiggins, Vice-President Europe SCI. Kelli nlesti uffiċċju mgħammar b'numru ta' linji telefoniċi u b'apparat u għamara adegwata, kif ukoll numru ta' nies, Account Executives, li xogħolhom ikun li prinċipalment permezz tat-telefon jidentifikaw impjegati u mpjiegi possibbli.*

*Qabel sar dan il-ftehim jien attendejt kors Londra dwar dan ix-xogħol. Jiena kelli ninvesti Lm50,000 biex jinbeda l-uffiċċju u l-kumpanija estera tagħtina d-dritt biex noperaw f'isimha, wara li tkun għaddietli in-know how u numru ta' direttorji internazzjonali ta' mpjegati possibbli, biex inkunu nistgħu nibdew ix-xogħol.*

*Kif jiġi konfermat impjieg għall-kandidat prospettiv (placement), SCI Malta toħroġ billing form lil SCI London, li kien imbagħad joħroġ il-kont li kien 35% tas-salarju tal-impjegat li titħallas minn min ikun ser iħaddem. 60% minn*

*dan l-ammont kien jitħallas lill-uffiċċju f'Malta u 40% lill-uffiċċju f'Londra. U l-uffiċċju f'Londra kellu jagħmel tajjeb għall-ispejjez tal-uffiċċju f'Malta. Meta żdied ix-xogħol, il-ftehim sar 80% għall-uffiċċju f'Malta u 20% għall-uffiċċju f'Londra. L-ispejjez ta' l-uffiċċju f'Malta jitħallsu mill-uffiċċju f'Malta.*

*Kien hemm xi okkażjonijiet fejn l-uffiċċju f'Londra bagħat xi avvanzi akkont tal-kummissjonijiet dovuti Malta fuq placements li jkunu saru. Dawn kienu jittieħdu lura kif SCI London titħallas tax-xogħol.*

*Gaerty beda bħala AE fil-1995. Għamel l-ewwel placement tiegħu xi ħames xhur wara. Sa sena wara għażiltu biex ikun Senior AE u bgħattu kors il-head office ta' SCI fl-Amerika għal ftit ġimgħat. Ftit wara li ġie mill-Amerika, bdew jinqalgħu l-intoppi bejni u l-AE's. Bħala Senior AE, Gaerty kellu ċ-ċwievet ta' l-uffiċċju u kellu aċċess għal kollox: files, dokumenti, database tal-klijenti passati u prospettivi li kienet asset prinċipali tal-uffiċċju.*

*Fl-istess waqt inqalgħu xi kwistjonijiet ma' SCI Londra u fl-aħħar tax-xhur tal-1996 jiena bdejt nissuspetta li kien hemm xi ħaġa għaddejja minn taħt bejn il-konvenut u l-uffiċċju tal-Ingilterra. Jien ċempilt lil Vice President Europe, Wiggins, li qalli li m'hemm xejn ħazin u jien emmintu.*

*Wara ftit żmien pero' sirt naf li l-konvenut u l-AE's kienu qed jippjanaw takeover tal-uffiċċju. Ikkomunikajt ma' Wiggins li kkonfermali li l-konvenut kien għamel kuntatti diretti barra u li kien fl-interess tiegħi nasal għall-arranġament mal-konvenut.*

*Ikkonfrontajt lill-konvenut li ma ċaħad xejn u qalli li kellu l-backing sħiħ tal-kumpanija minn barra u li hu kien lest jinnegozja u jixtri l-business. Kif bdejna ninnegozjaw ħareġ ċar li konna wisq distanti fil-prezzijiet u kif deher li n-negozjati ma kinux ser jirnexxu, intervjena Wiggins li dderiġieni biex nakkomoda lill-konvenut biex ikun hemm smooth transition u wara jiena nirċievi kumpens mill-kumpanija barra għal dak kollu li jien għamilt biex*

*inkabbar isem SCI f'Malta. Ftit jiem biss wara kkonkludejna l-ftehim tas-16 ta' Ġunju 1997.*

*Il-problemi bdew eżatt wara l-iffirmar bil-konvenut jinsisti li kien hemm xi ħlasijiet li kienu għadhom dovuti minni lill-AE's u għall-ewwel darba SCI Londra, li bdiet taħdem mal-konvenut, qalet li f'xi okkażjonijiet preċedenti jiena ġejt imħallas flus aktar minn dak dovut lili.*

*Ġiet skambjata diversi korrispondenza u saru serje ta' laqgħat iżda ma ntlaħaq l-ebda ftehim u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Illi t-talbiet tiegħi huma biex nitħallas dak li hu dovut lili skond il-ftehim tas-16 ta' Ġunju 1997, li jien għadni ma tħallastx somma konsiderevoli minnu:*

*a. 80% mid-dħul ġenerat mill-placements indikati u dettaljati fid-dokumenti annessi ma' l-iskrittura privata;*

*b. Ħlasijiet dovuti fuq placement konklużi wara 16 ta' Ġunju 1997, iżda oriġinaw minn kuntatti u xogħol preċedenti bir-rata ta' 80% iżda li tagħhom tħallast biss 5%;*

*c. Ħlasijiet dovuti fuq placements ġodda bil-5%, li ma ġewx dikjarati lili.*

*Inoltre hemm dovut Lm12,500 għall-għamara li kellhom jitħallsu lili fi żmien sena, u ċjoe' sas-16 ta' Ġunju 1998, li dwarhom kelli nibda proċeduri oħra kontra l-konvenut, preżentament pendenti quddiem il-Qorti diversament preseduta.*

*L-allegazzjonijiet ta' ħlasijiet li ma kinux dovuti lili, rriżultaw infondati stante li dawn il-pagamenti ġew indikati li saru f'kont tal-Lombard Bank, meta jiena qatt ma kelli kont f'dan il-bank, filwaqt li flus oħra kienu rimbors ta' flus li jien ħriġt minn buti akkont ta' Wiggins. Dwar dan kien hemm skambju ta' korrispondenza. Il-konvenut qal li l-flus kienu qed jinżammu minn SCI Lodon, filwaqt li SCI London qalet*

*li l-flus qed jinżammu mill-konvenut, imbagħad qalu li parti qed tinżamm minn SCI u parti mill-konvenut.*

*Kull ammont dovut lili a bażi tal-ftehim hu dovut mill-konvenut li lilu jien trasferejt in-negozju kollu kemm hu. L-ammont li qalu li nżamm minn SCI huwa konsiderevolment inqas minn dak dovut lili, Ara Dok. PC1 (fol. 583): fax tal-04 ta' Novembru 1997 mibgħut lill-konvenut mill-avukat tiegħi.*

*Dok. PC2 (fol. 585) huwa fax tat-28 ta' Lulju 1998 mibgħut, mingħajr preġudizzju, lil SCI mill-avukat tiegħi, waqt sforz biex isseħħ medjazzjoni. Pagni 7,8,9, prg a, b, c, jiġbor fih il-pretenzjonijiet tiegħi.*

*Nippreċiża li dawn il-kalkoli huma bbażati fuq l-informazzjoni mogħtija lili, li ma hiex kompleta u għalhekk nirriserva li nemendahom hekk kif l-informazzjoni tingħatali jew nakkwista b'aktar eżattezza. In-nuqqas ta' informazzjoni kompleta hija kwistjoni kontinwa li għandi mal-konvenut.*

*Il-konvenut naqas prattikament mill-obbligi kollha minnu assunti u b'hekk jiena ċċaħħadt minn ammonti sostanzjali ta' flus, proprjament dovuti lili, li għadni ma tħallastx sal-lum."*

Illi a fol. 615 xehed **Dr. Alex Perici Calascione** li wara li ġie eżentat mis-sigriet professjonali xehed illi:

*"Bħala dati nirreferi għal dawk li hemm fl-affidavit tiegħi. Fl-1 ta' Marzu 1999 kien hemm diġa' l-kwistjoni bejn Gaerty u Caruana. Il-pagamenti kienu jirriflettu placements. Il-kontenzjoni ta' bejniethom kien hemm fejn ma jaqblux jekk kienx placement li għandu jittieħed in konsiderazzjoni, jew għandux jiħi kalkolat bil-5% jew 8%. Imbagħad f'nofs il-kontroversja kien hemm xi pagamenti li ma kienx hemm kontensjoni dwarhom. Hemm dħalna aħna. Fejn ma kienx hemm kontroversja l-pagamenti saru direttament lilna biex aħna ngħadduhom lil Caruana. Gaerty kien ta n-no objection tiegħu biex iħallsu lilna u ngħadduhom direttament lill-klijent. Il-pagamenti saru*

*mingħajr pregudizzju reċiproku, la ta' min qed jagħmilhom u lanqas ta' min qed jirċevihom. Dawn kienu fejn ma kien hemm xi contention ghax kien hemm contention fuq ħafna affarijiet pero' mhux fuq kollox.*

*Nikkonferma li din l-ittra uffiċjali a fol. 600 saret. Caruana qed jitlob 181,298 Stg li baqgħu ma tħallsux u dan mingħajr preġudizzju għall-ammonti dovuti lil Caruana skond skrittura privata. Dawn ma jinkludux dawk is-somom imsemmija fl-affidavit tiegħi għax fuq dawk ma kienx hemm kontestazzjoni. Ma neskludix illi seta' kien hemm xi pagament li sar wara li kien inkluż f'dak kalkolat fil-1997, jew sentejn qabel. Nimmaġina li Caruana rċieva xi pagamenti qabel dħalna aħna. Ma niftakarx x'kienet iċ-ċirkostanza li waslet għal dan l-arranġament pero' jekk hemm xi korrispondenza nagħrafha."*

Illi a fol. 617 fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2010 xehed in kontro-eżami **Paul Caruana** fejn bil-ġurament tiegħu qal illi:

*"Nikkonferma li a fol. 10 tal-proċess hemm kopja tal-ftehim li sar bejni u Gaerty.*

*Jiena qatt ma ddeċidejt li ma ngħaddix il-linji lil Gaerty. Jien ħallejtlu l-linji biex jibqa' jaħdem fuqhom għax jien kelli persentaġġ minn negozju għal ħames snin. Ma stajtx naċċetta li l-linji jduru fuq Gaerty, biex hu jiġi f'arranġament miegħi, lili jħallasni u jinqalbu l-linji. Effettivament ħallasnihom il-linji.*

*L-effective date hija d-data tal-ftehim, as and where possible. L-effective date naħseb jiena meta nitħallas. Gaerty mill-ewwel ma riedx iħallas dak li kien dovut lili. Jekk irċevejt xi pagamenti kollha kienu mingħajr preġudizzju. Jekk hemm l-istatement li rċevejthom, irċevejthom. Kien hemm ħafna bilanċ li kellu x'iħallasni mhux dawn biss. Is-60,000 Sterlina mhux il-flus kollha kienu. Kelli nieħu ħafna iżjed f'ġimagħtejn. Jiena kelli l-intenzjoni li nagħmel transfer tal-linji, bil-qalb kollha.*

*Skond ix-xhieda tar-rappreżentant tal-Maltacom il-linji ġew sospiżi f'Ottubru 1998. Allura Gaerty ħadem bil-linji iżjed minn sena u nofs għax jien il-kuntratt għamiltulu fis-16 ta' Lulju 1997. Jiena ma qabillix li l-linji baqgħu fuq ismi għax il-kontijiet baqgħu jiżdiedu fuq ismi mhux fuq ismu. Fl-affidavit tiegħi hemm lista ta' pagamenti li jien għadni dovut, li kont għadni ma tħallastx. Hemm ħafna iżjed minn 60,000, hemm kważi miljun. Ma naqbilx ma' dak suġġerit lili li jien kelli f'moħħi nittrasferixxi l-linji meta nitħallas il-perjodu ta' ħames snin u tlett xhur. Biex nagħmlu ndikazzjoni u ma nagħmlux, suppost ħallasni u għamilna t-transition u mxejna. Jien ma jaqbillix li t-telephone lines kienu fuq ismi.*

*Jiena kelli nieħu 5% fuq il-placements li kienu se jsiru fuq perjodu ta' ħames snin u tlett xhur u 80% tan-negozju li kien diġa. Il-miljun li semmejt mhux kalkolu ta' dak li kelli ndaħħal wara ħames snin u tlett xhur. Hemm ħafna iżjed kieku kellna nikkalkolaw ta' ħames snin u tlett xhur. Il-miljun huwa mniżżel fuq l-account ta' Gordon Ralph, li huwa mediator. Il-miljun ħadimhom hu mhux jien u huma mniżżlin fl-affidavit oriġinali tiegħu. Mhux jien qed ngħidu dan.*

*Transfer tal-linji jien stajt għamiltu dakinhar stess imma Rudolphe Gaerty qatt ma ġie jgħidli biex immorru nagħmlu transfer. Meta mort biex nagħmel transfer jien, insib li kien hemm Lm35,000 fuq il-kont. Mhux ser inħallashomlu jien il-Lm35,000. Il-ħlasijiet li rċevejt jien kienu għall-placements li kelli dovut lili mhux għat-telephones. Jien ma stajtx nittrasferixxi l-linji għax kien hemm kont ta' Lm35,000. Qatt ma kelli ħsieb li l-linji nżommhom fuq ismi."*

Illi a fol. 629 ġie esebit il-kontro-eżami ta' **Paul Caruana** fil-kawża 369/1998 fejn xehed illi:

*"Qabel sar il-ftehim ma' Rudolphe Gaerty, jien kelli ftehim ma' SCI bil-fomm*.

*F'Ġunju tal-1997 jiena ma bqajtx institur (manager) lokali ta' SCI. Dak iż-żmien Gaerty kien impjegat miegħi u*

*stabbilixxa kuntatti diretti hu ma' SCI li wasslu biex SCI itterminatli l-arranġamenti li kelli magħha qabel. Meta kkomunikawli din id-deċiżjoni huma riedu li jkun hemm a smooth transition. Fis-16 ta' Ġunju 1997 meta bdiet din it-tranżizzjoni kien hemm xogħol pendenti. Is-sistema tal-billing dak iż-żmien kien isir minn SCI stess.*

*Mejju - Ġunju 1997 kien ġie xi personnel min-naħa ta' SCI. Dan ma sarx b'investigazzjoni iżda fuq stedina tiegħi. Kien rriżultalhom li jien kont bgħatt kontijiet diretti iżda dan kien sar bi ftehim ma' Joe Wiggins peress li kelli drittijiet minn xogħolijiet preċedenti li ma kinux imħallsin u kienu jammontaw għal 112,000 Stg*.

*L-incidents imsemmija fid-dokument RG7 jirreferu għal dawn il-kontijiet.*

*L-ittra tas-6 ta' Ġunju 1997 intbagħtet minn Wiggins fuq pressjoni ta' Lindberg wara nsisitenza minn Gaerty, skond ma qalli Wiggins innifsu. Konsegwenza ta' dan l-inċident Wiggins innifsu kien tkeċċa minn SCI*.

*Jiena kont iltqajt kemm ma' Wiggins il-Viċi-President, kif ukoll ma' Lindberg il-President ta' SCI fl-uffiċċju Londra wara li kont għamilt taħriġ ta' sitt xhur magħhom fl-Ingilterra qabel ma nkun nista' niftaħ uffiċċju għal rasi f'isem SCI.*

*Ir-rikonċiljazzjoni u l-accounting kien laħaq sar fi żmien tletin jum. Irriżulta li Gaerty kien irċieva ħlas ta' 21,000 Stg li sal-lum għadhom għandu u ma għaddihomlix. Hemm ukoll korrispondenza taħt il-firma tiegħu fejn Gaerty jistqarr li qed iżżomm dawn il-flus.*

*Id-dokument WPA mhux l-istess dokument ta' rikonċiljazzjoni li rreferejt għalih jien, u iġġib il-firma ta' W. Wayne Watley. Ma nistax niddikjara jekk dan hux l-istess accounting exercise (RG7) qabel nivverifikah. Aħna ma qbilniex ma' dak ir-rapport.*

*Iż-żewġ dokumenti mehmuża mal-kopja tal-ftehim mhumiex ir-reconciliation tal-accounts li rreferejt għalihom*

*jien iżda jirreferu għal placement li kienu ġja' saru fil-perjodu ta' tranżizzjoni u li kelli nitħallas tagħhom, iżda sal-lum għadni ma rċevejthomx.*

*Għalkemm l-accounting exercise ma' SCI kien sar fi żmien 30 jum, kellna diversi laqgħat bejni u SCI, imma ma konniex wasalna f'konklużjoni fis-sens li qbilna dwarhom.*

*Ma niftakarx eżatt meta kien, imma bejn l-1997 u l-1998. Fl-atti tal-kawża hemm il-minuti dokumentati fejn hemm ukoll id-dati ta' dawn il-laqgħat. Ma niftakarx jekk sarux fiż-żmien tat-30 jum imma sarux wara xulxin fuq medda ta' ftit jiem. Il-laqgħat kienu saru bil-ħsieb ta' smooth transition kif xtaqet SCI.*

*Dokument APC1 jirrifletti l-laqgħat imsemmija u l-accounting exercise li qed nirreferi għalih, fl-ewwel pagna hemm tqassim tal-ammonti li għad għandi nieħu in konsiderazzjoni tax-xogħol li kont għamilt u żborżamenti oħra li kont għamilt eż: ħlas tal-iskola tat-tifel ta' Joe Wiggins.*

*Riżultat konklussiv dwar x'kien l-ammont dovut minni lil SCI jew dovut lili minn SCI qatt ma ntlaħaq. Nikkonferma li rċevejt ħlasijiet ai termini tal-Artikolu 7.3 prg. 3 tal-ftehim milħuq bejni u Gaerty, li jien kont aċċettajthom mingħajr preġudizzju.*

*Id-dokument li kellu jiġi preparat rigward placements huwa mehmuż bħala Dok. B ma' l-istess ftehim (fol.18 tal-proċess) u jirreferi għal placements li diġa saru u mhux għal dawk potenzjali.*

*Rigward Dok. A mehmuz mal-ftehim, ngħid li għalkemm fil-mument li ffirmajt il-ftehim jiena qbilt maċ-ċifri murija f'dak id-dokument, minn verifiki li għamilt wara rriżultawli li ma kinux korretti u għalhekk ma qbiltx magħhom. Iżda sostanzjalment l-attivitajiet imsemmija fid-dokument A huma l-attivitajiet kollha li kienu kompletati sal-mument tat-tranżizzjoni.*

*Pero' minn xhieda li ħarġet f'din il-kawża (Chris Sacco) kien hemm attivitajiet u placements oħra li jien ma kontx ġejt mgħarraf bihom.*

*Ma hemm l-ebda dokument mehmuż mal-ftehim li huwa inventarju tal-għamara.*

*In-negozju li kont nagħmel jiena minn Malta kien tiegħi. Kien isir għan-nom ta' SCI li ħallew lili rappreżentant f'Malta, imma l-uffiċċju kien tiegħi. In-negozju li kien isir fl-uffiċċju minn Malta kien tiegħi. MSI kellha aċċess għal kollox mill-uffiċċju tiegħi. Il-kuntatti li konna nagħmlu mill-uffiċċju tagħna kienu jkunu tal-uffiċċju tagħna. Ħallejt kollox lil Gaerty meta biegħejtlu l-kumpanija.*

*SCI kellhom kummissjoni li jieħdu minni. Ma niftakarx eżatt min kien iħallas l-ispejjeż tal-uffiċċju, imma aħna kellna ftehim, lanqas biss skrittura, daqqa kont inħallas jien u daqqa huma, imbagħad kienu jibgħatuli on account. Kellna relazzjoni tajba.*

*L-ispejjeż probabbilment kienu jħallsuhom huma imma imbagħad inaqqsuhom mill-billings dovuti lili.*

*Jiena qatt m'għamilt xogħol għal rasi ta' head hunting.*

*Il-kumpanija kienet taqla' 35% tal-candidate's first salary, li jien kont nieħu 80% minnhom li minnhom kont inħallas il-kummissjoni ta' l-AE's u SCI kienet tieħu 20%. Il-perċentwali ta' l-AE's kienet a skaletta, titla' u tinżel skond il-performance tagħhom. Dan il-% kien johrog mill-kuntratt ta' l-AE's. L-AE's kellhom kuntratt bejni u bejn SCI. Dawk il-placements kienu old activity, saru qabel tajt l-uffiċċju lil Gaerty.*

*Il-persentaġġ ta' 75% għal SCI u 5% għal Paul, jiġifieri għalija, "must have been done on one particular placement". Qed nerġa' nara d-dokument u ngħid li l-isem Paul hemmhekk ma jirreferix għalija iżda jista' jkun li qed jirreferi għal wieħed mill-AE's li kelli li kien jismu Paul. Id-dokument naħseb li kien preparah Gaerty iżda jista' jkun ukoll illi ppreparajtu jien. L-ittri PAZZ jirreferu għal AE Paul*

*Azzopardi. Nerġa' ngħid li jista' jkun li Paul qed jirreferi għal l-AE peress illi l-5% jista' jkun il-każ li Paul kien sab il-kandidat biss u l-placement ħadmu ħaddieħor u għalhekk il-% tal-iskaletta kien jonqos.*

*Jista' jkun li din it-transaction tirreferi għal xi ħaġa oħra. Il-5% jista' jkun li kienu għalija personalment*.

*Il-pagamenti mhux dejjem kienu jsiru fil-munita sterlina.*

*Mill-uffiċċju ta' Malta, li dejjem kont nirċievi 80% kont innaqqas il-commissions. Jiena qatt ma rċevejt 5%, dejjem 80%. Meta kelli n-negozjati ma' SCI qatt ma kelli nieħu 5%. Qabel m'għamilt il-ftehim ma' Gaerty jien qatt ma rċevejt 5%, dejjem 80%.*

*In-negozju ma' Salopenhyme sar kollu billi jien kelli appuntament magħhom qabel Ġunju 1997. Kienu diġa bdew jagħtuna return business.*

*Gaerty kien jagħti kollox lil MSI għax ma kienu jafu xejn. Jiena ma kellix x'naqsam ma' l-Amerika (MSI) iżda ma' l-Ingilterra biss (SCI). Iż-żewġ dokumenti a fol.18 u a fol.318 jirreferu għall-istess placement, anke l-figuri jaqblu.*

*Il-confirmation date hija meta l-placement ikun konfermat u jkun jista' jiġi billed. Mhux dejjem tikkonċidi mad-data tal-bidu tal-impjieg. F'dan il-każ partikolari, l-placement kien diġa' qiegħed mal-kuntratt tiegħi. Jidher li hemm overlap bejn id-dokumenti tiegħi u ta' Gaerty u d-dokument a fol. 318.*

*Ma nistax nikkonferma jekk dan il-placement jidhirx jew le fil-hot sheets għax kif diġa' għidt jien ħallejt kollox l-uffiċċju lil Gaerty. B'referenza għall-hot sheets annessi ma' l-affidavit tiegħi jista' jkun li ħadt xi kopji ta' hot sheets għax kienu bagħtuhomli mill-Ingilterra jew kien hemm kwistjoni fuqhom. Il-bqija ħallejt kollox warajja.*

*Mhux minnu li SCI kienet tibgħat il-flus x'ħin ikun hemm cash in, u mhux x'ħin isir il-billing. Kienet tibgħat ħafna flus on account lili jew lil xi kandidat li kellu bżonn xi flus*

*upfront. Ġieli kienet tibgħathomlhom direttament ukoll lill-AE's.*

*Dan id-dokument kien anness mal-ftehim u kien ippreparah Gaerty.*

*Ma naqbilx mad-data tal-introduction li skond id-dokument hija 8 ta' Lulju 1997. Skond Gaerty dawn il-placements kien għamilhom hu, iżda in fatti kienu bdew meta kien miegħi u l-placements kienu għadhom ma tħallsux*.

*Ma nistax jekk nikkonferma jekk il-5% jirreferux għal Paul Azzopardi jew jekk kinux għalija. Mit-80% kont inħallas l-ispejjeż kollha tal-uffiċċju. L-AE's ġieli rċevew flus on account mhux għal commision dovut lilhom. Iżda kien hemm każijiet fejn dak li jkun kien jistaqsini għall-flus u kont nagħtihom flus on account. Ġieli telqu mix-xogħol, ma għamlux placements u ma tawniex il-flus lura. Għal dan kont nagħmel tajjeb jien biss.*

*Dan in-negozju kien diġa' attiv fl-Ewropa. Jien ħadt training personali ta' 6 xhur l-Ingilterra mbagħad ħarriġt lill-AE's f'Malta. Lil Gaerty biss bgħattu kors l-Amerika, kollox imħallas minn buti, u "hemmhekk inganna ruħu mal-president tal-kumpanija". Kien hemm ċertu banek fejn ġejna black listed. Ġabuna on the books għax għamilt presentation jien u reġgħu ġew jaħdmu magħna u l-SCI kienu happy ħafna. Li kont nagħmel kont nagħmlu għal ġid ta' SCI u tiegħi. Jien kont nuża isimhom iżda l-kumpanija SCI Malta qatt ma saret.*

*Il-5% kien fuq it-total billing u mhux fuq it-80%. Il-hot sheets juru appuntamenti u introductions biss. Ġieli kien hemm placements li ma nkunux nafu bihom, jiġifieri l-bank jingaġġa lill-kandidat u nsiru nafu wara, u għalhekk il-billing joħroġ wara."*

Illi a fol. 666 fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2007 fil-kawża 369/1998 saret kontinwazzjoni tal-kontro-eżami ta' Paul Caruana fejn ingħad illi:

*"Il-pagament kien isir minn SCI u mhux dejjem direttament lili personalment għax kienu jnaqqsu l-commission tal-AE's, u qatt ma bagħtu stipulamenti għal kwalunkwe placement, iżda l-ħlas kien dejjem in advance jew in arrears.*

*L-advancement dejjem sar bl-istess mod minn Mr. Wiggins, kemm jekk kienu għat-tifel jew għall-commissions.*

*Ma tantx kont nagħraf l-iskop tal-advancement għax ma kienx ikun fih attribwit l-iskop, iżda kont dejjem inħallas il-kontijiet u nibqa' b'xejn għax kienu jibagħtuli eżatt, qatt ma bagħtuli żejjed.*

*Jien kont per eżempju ngħidu l-iskola trid Lm2,000 u kienu jibagħtuli Lm2,000.*

*It-tifel ta' Wiggins ma kienx impjegat tal-uficcju kien għadu tifel imur l-iskola u sibnielu skola privata għax ma kellux kwalifiki biżżejjed.*

*Meta ffirmajna l-ftehim kien għad hemm pendenzi ma' SCI iżda l-ittra li ntbagħtet m'aċċettajthiex li ntbagħtet minn MSI jew SCI iżda ntbagħtet mil-ordnijiet ta' Gaerty. Dik l-ittra iddiskutejtha ma' Wiggins, li kellu ħafna problemi minħabba dik l-ittra anke mal-mara tiegħu u fil-fatt spiċċa minn mal-mara tiegħu minħabba dik l-ittra.*

*SCI ppruvaw jaslu għall-konklużjoni dwar il-pendenzi li kien għad baqa' bejnietna wara li ġie ffirmat il-ftehim, iżda miet l-accountant u ma komplewx. Il-pagamenti dovuti lili għadhom pendenti.*

*Nikkonferma li kull placement li jaqa' taħt old activity, jinsab fid-database u jien għandi nitħallas bit-80% fuqu. L-Art. 6 tal-ftehim tikkonċerna kif ser isiru l-ħlasijiet. L-old activity kien tikkonċerna kemm interviews li kienu diġa saru ma' xi klijent jew għal xi kandidat imniżżel fid-database qabel sar il-ftehim, mhux biss imma wkoll xogħol li sar wara li gie ffirmat il-ftehim ma' xi klijent jew kandidat li kien diġa' mniżżel fid-database sad-data tal-ftehim.*

*Il-hot sheets ma kinux jinkludu biss isem il-bank u isem il-klijent u d-data tal-preżentazzjoni iżda kien hemm ukoll activity hot sheets li kienu jinkludi d-dettalji kollha bħal l-indirizz, fejn qed jaħdem attwalment, meta jista' jibda fl-impjieg il-ġdid, il-kwalifiki eżatt tiegħu, jekk iridx jimmuvja mill-pajjiż jew le, etc.*

*L-informazzjoni kollha kienet tinkiteb fuq manual jew workbook. Fuq il-hot sheet ma tistax tikteb kollox. Fuq il-hot sheet kien hemm indikazzjoni ta' l-ewwel appuntament, it-tieni appuntament etc. L-activity hot sheets juru appuntamenti u interviews li kienu diġa saru. Ma jfissirx li l-klijenti l-oħra tad-database ma sarux appuntamenti magħhom barra dawn l-activity hot sheets. Il-kandidati jimxu meta jridu, imma la jkollok l-informazzjoni tagħhom tista' tikkuntattjahom meta trid. Il-ħlas nippretendih meta jsir placement. M'hemmx għalfejn ikun beda l-impjieg għax l-impjieg jista' jibda anke sena wara iżda l-kandidat ikun diġa inkarigat. U aħna nitħallsu within 15 days. Il-placement huwa meta l-kandidat jiffirma l-kuntratt mal-bank anke jekk l-impjieg iseħħ f'data posterjuri. Jekk il-kandidat jitlaq, aħna ridna nsibu replacement mhux ma konniex nieħdu l-fee.*

*Il-konvenut Gaerty kien ikun dejjem mistieden u preżenti għal-laqgħat mar-rappreżentanti ta' SCI li saru sabiex jintlaħaq ftehim dwar il-ħlasijiet pendenti li għad baqa' dovuti lili. Imbagħad miet l-accountant Gordon Ralph u baqa' kollox standstill. Dawn kienu pendenzi bejni u SCI dwar attivita' ta' qabel sar il-ftehim. Kull pagament li sar wara l-ftehim dejjem aċċettajnih without prejudice u mhux bħala tpaċija kif qed jiġi suġġerit lili.*

*Ma jistax ikun li kien hemm tpaċija bejn il-pendenzi li kien hemm ma' SCI, għax jien qatt ma kelli nagħtihom lil SCI iżda huma kellhom jagħtu lili. Meta bagħtu l-flus dejjem għax kienu jafu li sar placement u li l-bank kien ser iħallashom within 15 days. Dak kien l-advancement. Il-pagamenti kienu jiġu għand l-avukat li kien jgħaddihom lili.*

*Dawn in-negozjati ma kellhomx x'jaqsmu ma' Gaerty, li pero' kien ikun preżenti u kienet biċċa tiegħu jaqbiżx fin-nofs jew le. Kellna bilfors nivvitawh għax kien hemm pendenza minn placements li kienu saru qabel u allura kien ikun preżenti.*

*B'referenza għall-Artikolu 3 jiena kont inżomm il-commitments tiegħu, kieku hu żamm tiegħu. Imma jekk hu ma ħallasnix kif stajt inżomm il-commitments tiegħi u nagħmel il-pagamenti tat-telephones. Kieku tħallast kont inħallas il-kumplament, għax ħallast ħafna minnhom*.

*SCI ġieli ħallsu direttament lil Gaerty. U ġieli ħallsuh aktar milli suppost u bagħtuhomlu diretti, per eżempju jkun dovut lilu 15% u jibagħtulu dirett 30%. Dan sar kemm qabel Ġunju 1997 meta Gaerty kien għadu AE, u ġara anke wara li sar il-ftehim.*

*L-unika delega li għamilt lil SCI kienet biex iħallsuni l-% li kien imiss lili wara li Gaerty ħa f'idejh l-operation, biex iħallsuni huma direttament minnflok iħallasni hu, il-5% jew it-80% jekk tkun old activity. Gaerty kellu x'jaqsam ma' l-old activity f'dan is-sens.*

*Ma nistax nikonferma li minn Ġunju 1997 sa meta nfetħet din il-kawża Frar 1998, jiena rċevejt 130,000stg. Is-somom li rċevejt dejjem kienu aċċettati without prejudice għand l-avukat u ma kinux substantial għal dak li kelli nieħu. Parti minnhom kienu fuq placements ġodda.*

*Il-payments tal-5% qatt ma saru u hemm kawża pendenti fuqhom. Dawn kienu jintbagħtu meta jsir il-placement. L-annual payment suppost kellu jsir wara sena tal-kuntratt.*

*Il-Qorti kkummentat li allura ma kienx għadda sena mill-kuntratt ta' Ġunju 1997 jekk il-kawża saret fi Frar 1998. Ma kienx hemm għalfejn Gaerty jibgħatli ittra li mhux se jħallas. Ma ħallasniex u ftaħtlu l-kawza.*

*L-inventarju tal-mobbli sar u tnaqqset depreciation ta' 12%. Il-ħlas tagħhom kien sar imma għadni nistenna l-ħlas tal-interessi, ilhom sentejn. Ma nafx jekk Dok. A. a*

*fol. 17 jindikax biss l-old activity, imma ħafna minnhom iva. Hemm ħafna old activity li ma nafx bihom jien għax użaw kandidati li kienu fid-database. Imma dawk indikati kienu diġa' magħrufa lili u diġa saru meta sar il-ftehim f'Ġunju 1997.*

*Dok. B. juru placements tal-1997. Ma jidhirlix li in the meantime tħallast tagħhom. Il-pagamenti li aċċettajt mingħajr preġudizzju għand l-Avukat, huma pagamenti ta' qabel, u kienu at 5% from 80% u kienu kollha ħlasijiet wara li ffirmajt l-ftehim ma' Gaerty.*

*Ma nafx jekk il-billing kienx jinqaleb internament minn SCI f'munita sterlina, għax aħna konna naħdmu ma' pajjiżi oħra bħal Franza, Ġermanja. Probabbilment kienu jagħmluhom Sterlini.*

*Fuq suġġeriment tal-Qorti li kien ikun hemm valuti oħrajn għall-finijiet ta' komputazzjoni ta' valur ta' kuntratti, ngħid li m'għandix amment kif kienu jaħdmu SCI.*

*Ma naqbilx li l-kuntatti bnewhom l-AE's, imma kienu tal-uffiċċju. Konna team. L-AE's kienu jirreferu l-kuntatti lil higher managers. Imbagħad ġieli sifirt biex ikun hemm kuntatt personali. Ma niftakarx bl-amment kemm-il darba sifirt, imma iżjed minn appuntament wieħed.*

*Normalment il-placements kienu jsiru bit-telephone. Normalment il-proċedura ddum xahrejn, minn statistiki ta' placements ġenerali. Ma neskludix li jista' jkun hemm placement f'inqas żmien.*

*Gaerty kellu jippreżenta l-provi tal-placements li kienu għamlu l-uffiċċju wara li ntemmet ir-relazzjoni tiegħi ma' SCI, dawn għadhom sal-lum mhux preżentati.*

*Kieku rċevejt l-invoices u billing forms, minnhom tkun taf l-ammont u l-fee pretiża mill-bank fuq placement partikolari. Imma ma rċevejt xejn. Xogħol li ma jidhirx fuq l-activity hot sheets huwa xogħol li diġa kellna kuntatti mal-banek li kienu jagħtuna job orders u aħna konna nagħmlulhom placement. Dawn ma jiġux reġistrati fuq il-hot sheets.*

*Id-dokument Attachment 8 section 4 mhux jien għamiltu. Jekk irċevejt xi ħaġa kien parti mill-ftehim li kellna.*

*Peress li d-dokument a fol. 535 huwa magħmul minn Gaerty, jien ma nistax noqgħod fuqu. Ma hiex kwistjoni biss li f'dak id-dokument il-kummissjoni tal-AE's ma tidhirx. Fis-sens li peress li ma hiex magħmula minni m'għandix il-kunsens tiegħi.*

*Ma naqbilx li l-unika figura rilevanti għal new activity hija sempliċiment il-cash in.*

*Fuq il-placement ta' SMH Bank ma' Chevre, ma tantx naf. Dwar dan kien infurmani bid-diskors Wiggins, li qalli li l-strong point ta' Gaerty kien team move ta' 22 persuna minn ma' SMH Bank għal ma' Chevre. Ċertu klijenti minnhom kienu fuq il-hot sheets. Jista' jkun li ma jidhrux fil-hot sheets qabel Ġunju 1997, għax kollox ħbieli l-konvenut, żamm l-informazzjoni.*

*B'referenza għall-placement ta' Philip Shafner, ngħid li jekk il-kandidat ikun diġa' għandna, ikun old activity irrispettivament ma' min isir il-placement, hux ma' bank jew ma' ieħor, għax aħna nkunu diġa' ħdimna biex inġibu l-kandidat u nippreżentawh lil ħaddieħor. Dwar il-kopja, MB1 a fol. 144, mid-djarju intestat personal notes, ngħid li l-kitba ma hiex tiegħi, ħlief għall-erbgħa ta' isfel.*

*Il-flus kienu l-ewwel jidħlu għand SCI u mbagħad kienet tħallas il-commissions ta' l-AE's u tħallas lili apparti. L-uniku placements li jien tħallast direttament kienu ta' tnejn, bl-intiża ta' Mr. Wiggins li jien nitħallas li kien dovut lili. Ma nistax ngħid jekk SCI qatt fetħet kontijiet ta' bank hawn Malta.*

*Il-commission tal-AE's kienet prestabbilita skond skala li ntroduċejt jien a bażi ta' ħsibijiet li kelli meta kont nirranja l-uffiċċju li kienet tibda minn 15% sa 40%. Ix-xhud Mrs Sammut Alessi bdiet taħdem miegħi xi sentejn, sena u nofs wara li jien kont bdejt naħdem ma' SCI. Dok. PCP2 a fol. 147 kien anness mal-ftehim u juri l-placements kollha*

*li kont naf bihom. Id-diskrepanza li hemm dovuta fuq l-placement ta' Harrison, li kien kandidat li l-placement tiegħu sar sakemm domt jien l-uffiċċju, minn 51,250 Stg għal 98,000 Stg, hija differenza li nħolqot meta Gaerty aċċetta arranġament ġdid mal-klijent li l-kummissjoni dovuta fuq dan il-placement tiġi mnaqqsa. Jiena m'aċċettajtx li naċċetta dan it-tnaqqis għax kif jitnaqqas il-%, l-ammont dovut lili se jitnaqqas. Dan ġara f'każijiet oħra wkoll.*

*Fid-dokument PCP2, m'għandix kemm suppost hu dovut lili, għandi biss kemm qed jgħid Gaerty li għandu jagħtini. Huwa d-dokument MB1 li kien magħmul minn għandi jew qiegħed mal-ftehim. Ma niftakarx kienx preparat dakinhar tal-ftehim jew le. Imma niftakar li kien hemm dik id-diskrepanza fuq l-ammonti.*

*Id-dokument PCP2 sar biex wieħed juri l-kandidati li konna qegħdin naħdmu magħhom, mhux neċessarjament kemm aċċettajna nieħdu jew le, mhux a kont ta' pagamenti, u kemm ħadt u ħa naċċetta u mhux se naċċetta. Dok. PCP2 għalija hija korretta għax isemmi l-ismijiet li qbilna dwarhom bħala nies mibdija pero' l-figuri mhux kollha korretti.*

*Jista' jkun li ffirmajnih mal-ftehim. Jekk kienu ffirmati mal-ftehim żgur li hemm oġġezzjoni, li jekk ġietx ippreżentata jew le, ma nafx.*

## NOTI TA' SOTTOMISSJONIJIET

Minħabba l-voluminosita' u anke l-validita' akkademika ta' dawn in-noti l-Qorti tħossha fid-dmir li tirriproduċi partijiet sostanzjali minnhom;

**Nota ta' l-osservazzjonijiet tal-attur Rudolphe Gaerty –** a fol. 737;

Illi permezz tat-tielet Artikolu tal-ftehim tas-16 ta' Ġunju 1997, il-konvenut żamm ir-responsabbilta' kollha għall-ħlasijiet u obbligi sal-*effective date*, u ċjoe' sas-16 ta' Ġunju 1997, filwaqt li l-attur kien responsabbli għall-

ħlasijiet u obbligi minn dik id-data 'l quddiem. *Inoltre* l-partijiet kellhom jersqu għar-reġistrazzjoni tat-trasferiment tas-servizzi mill-*effective date* 'l quddiem, kif u fejn kien possibbli.

Illi għalhekk il-konvenut assuma l-obbligu li jħallas, fost oħrajn il-kera u l-konsum tal-linji tat-telefon indikati, *oltre* djun li hu kellu jagħti nkluż lil SCI, mingħajr ebda riserva kwalsiasi.

Illi l-attur xehed b'mod konsistenti dwar l-importanza tan-numri tat-telefon. Il-valur kien unikament fil-linji tat-telefon, għaliex huma dawn in-numri li l-klijenti u kandidati kienu jingħataw u li fuqhom il-klijenti u kandidati kienu jċemplu lura meta jkun meħtieġ. L-infrastruttura li pprovda l-konvenut kienet insinjifikanti. L-avvjament tan-negozju kien esklussivament fin-numri tat-telefon. L-avvjament li nbena tul iż-żmien taħt l-institura tal-konvenut kien jintilef għal kollox kieku l-attur għażel li ma jasalx għall-ftehim mal-konvenut. L-attur għażel li jħallas kunsiderazzjoni konsiderevoli biex jakkwista dawn il-linji u l-avvjament intrinsiku li kellhom fiż-żmien li ġiet terminata l-institura tal-konvenut.

Illi din l-intenzjoni tal-attur tirriżulta wkoll mid-dokument RG13, datat 13 ta' Ġunju 1997, u ċjoe' tliet ijiem qabel ġie konkluż il-ftehim.

Illi l-importanza tat-telefon ġiet ukoll konfermata mill-konvenut fix-xhieda tiegħu. Fl-istess ħin il-konvenut jgħid li dawn il-linji bin-numri eżistenti ma kinux essenzjali kif jipprova jagħti l-impressjoni l-attur, u dan minħabba li l-bażi ta' klijentela ta' *head hunting agency* huwa pjuttost limitat u għalhekk jista' jiġi nfurmat b'kull tibdil mingħajr ebda diffikulta. *Inoltre* x-xogħol ta' *head hunting agency* jinvolvi fil-maggior parti tiegħu komunikazzjoni da parti tal-*head hunter* mal-kandidat prospettiv jew il-klijent u mhux *vice versa*.

Illi dan żgur mhux minnu għaliex dan kien jinvolvi ħafna flus f'telefonati u ħafna ħin tal-Account Executives li ma kellhomx paga iżda biss kummissjoni. Għalhekk l-attur

wasal għal ftehim mal-konvenut dwar dawn il-linji versu l-korrispettiv miftiehem.  Kieku l-attur kellu xi indikazzjoni li t-trasferiment mhux ser isir l-attur ma kien jasal għall-ebda ftehim u la joffri li jħallas u wisq anqas iħallas is-somom li huwa effettivament ħallas lill-konvenut immedjatament malli ffirmaw il-ftehim sabiex jonora l-istess ftehim.

Illi l-attur għamel offerta ta' tpaċija li ma ġietx aċċettata mill-konvent.  L-attur ġie żgwidat meta l-konvenut m'aċċettax tali tpaċija għaliex mhijiex il-liġi li ma tippermettix tali tpaċija iżda kien il-konvenut li m'aċċettahiex.

Illi kieku l-konvenut kellu l-intenzjoni li juża l-flus imħallsa mill-attur biex iħallas il-linji, kieku ma kienx ikollu diffikulta' biex issir it-tpaċija.

Illi mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda ta' Paul Busuttil u Charles Attard jirriżulta li l-linji kienu reġistrati f'isem SCI filwaqt li s-*subscriber* kien Paul Caruana.  Dawn il-linji setgħu biss jiġu trasferiti bil-kunsens tiegħu u biss wara li jiġi saldat il-kont.

Illi minn wara l-ftehim li sar fis-16 ta' Ġunju 1997, l-attur ħallas għall-konsum u kera ta' dawn il-linji, peress li l-konvenut kien responsabbli biss għall-arretrati.  Il-ħlas ġie konfermat mix-xhieda Paul Busuttil u Charles Attard.  L-ebda linja ma kienet f'isem l-attur.  Meta nqatgħu l-linji kienu għadhom f'isem il-konvenut.  Maltacom istitwiet kawża kontra l-konvenut għall-ħlas relattiv fejn il-konvenut ġie kkundannat iħallas is-somma ta' Lm38,232.90.  Skond dawn iż-żewġ xhieda qatt ma saret talba għal trasferiment.

Illi l-konvenut ammetta li hu ma ħallasx lil Maltacom.  Iżda jeċċepixxi li hu ma eżegwiex tempestivament din l-obbligazzjoni minħabba l-impossibbilta' mposta fuqu mill-attur.

Illi l-konvenut jistrieħ fuq il-fatt illi l-ftehim ma jagħti l-ebda data illi fiha kellu jsir it-trasferiment tal-linji.

Illi iżda skond l-ittra miktuba mill-kovenut lill-attur, kien hemm biżżejjed flus dovuti lill-konvenut sabiex jitħallsu l-kontijiet pendenti. U skond l-ittra RG13 l-intiża kienet ilha ċara li l-attur kellu bżonn il-linji, u għalhekk il-kontijiet tat-telefon kellhom jitħallsu biex ikun hemm it-trasferiment. Għalhekk f'moħħ l-attur *"as and where possible"* kien ifisser immedjatament.

Illi l-Artikolu 1077 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li fejn ma jkun ġie stabbilit ebda żmien għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni dan ikun ifisser minnufih, b'xi eċċezzjoni li ma japplikax għal każ odjern. Il-ftehim ma għandux jiġi interpretat b'mod li ż-żmien għall-eżekuzzjoni ġie mħolli f'idejn il-konvenut[4].

Il-konvenut jallega li tpoġġi mill-attur f'impossibbilta' li jesegwixxi l-obbligi tiegħu. L-attur fi żmien sitt jew tmien ġimgħat mill-iffirmar tal-ftehim ħallas lill-konvenut Lm30,000. Dak iż-żmien il-kont pendenti mal-Maltacom kien ta' Lm24,000, u għalhekk l-attur kien ħallas lill-konvenut ferm aktar minn dak dovut lil Maltacom u konsegwentament il-konvenut ma kien f'ebda impossibbilta' li jħallas.

Illi l-attur ħallas ukoll regolarment u qabel iż-żmien miftiehem il-5% kummissjoni, iżda il-konvenut baqa' ma ħallasx il-kontijiet qodma tal-Maltacom. L-attur jelenka l-ħlasijiet li saru minn SCI. Dawn kellhom ikunu pagamenti annwali u għalhekk setgħu tħallsu ferm aktar tard.

Illi l-konvenut kellu kwistjoni ma' SCI għax kien qed jippretendi ħlasijiet ulterjuri. Iżda dan ma' jolqot bl-ebda mod il-ftehim li kien hemm ma' l-attur. Il-konvenut abbuża minn din is-sitwazzjoni sabiex jirrikatta lill-attur biex iħallsu aktar minn dak attwalment dovut lilu.

Illi ma hux minnu li l-attur ma ħallasx lill-konvenut dak li kien dovut minnu lilu. Il-flus li allegatament ma kienx

4 **"Tarcisio Galea Construction Ltd. Vs Ballut Blocks Ltd. "** – Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 28 ta' Novembru 2001, 2291/00AJM

irċieva l-konvenut kienu flus li fi kwalunkwe każ kellhom jitħallsu lill-konvenut minn SCI u mhux mill-attur.

Illi jirriżulta li dan ma kien minnu xejn. L-attur ikkonferma ma' SCI li l-konvenut tħallas dak li kellu jitħallas permezz ta' pagamenti diretti lilu u lill-Avukat tiegħu Dr. Perici Calascione. Id-diżgwid li nqala' bejn il-konvenut u SCI dwar *old activity* kellu jiġi riżolt bejniethom. F'dan ir-rigward l-ebda flejjes ma ġew riċevuti jew imħallsa mill-attur.

Illi Dr. Perici Calascione jikkonferma li kienu saru pagamenti ta' 5% fuq *new activity*, u dan fuq delega tal-attur. B'hekk il-ħlasijiet saru direttament minn SCI lill-konvenut, anke fir-rigward ta' *new activity*. Fl-affidavit ta' Dr. Perici Calascione ġew indikati dawn il-pagament, filwaqt li r-rappreżentant tal-HSBC Bank preżentat *statements* illi juru l-pagamenti kollha li saru lill-konvenut direttament akkont ta' dak miftiehem bejn l-attur u l-konvenut. Fil-ftehim tas-16 ta' Ġunju 1997.

Illi dan kollu juri li l-konvenut ma ħallasx il-kontijiet tal-Maltacom kapriċċożament u mhux għax tpoġġa f'xi mpossibbilta' li jħallas mill-attur.

Illi peress illi l-ftehim bejn SCI u l-konvenut kien ġie terminat minn SCI, ma kien hemm xejn li l-konvenut seta' legalment jittrasferixxi lill-attur.

Illi l-ftehim li sar bejn il-partijiet ġie redatt mill-avukat tal-konvenut, *stante* li f'dak iż-żmien l-attur ma kienx assistit minn avukat.

Illi l-interess prinċipali kien biss fil-linji tat-telefon, kif jispjega l-attur u kif konfermat mill-konvenut fl-ittra tiegħu a fol. 70 / 71. Fl-ittra preċedenti tiegħu, l-attur kien enfasiżża l-fatt illi l-linji tat-telefon huma l-unika interess li kellu.

Illi l-interpretazzjoni tal-kuntratt għandha ssir a bażi tar-retroxena nkella l-interpretazzjoni tal-ftehim iżolat minn

dak kollu li ppreċedih jista’ jwassal għal interpretazzjoni ristrettiva li ma tirrispekkjax l-intenzjoni tal-partijiet.

*“Fil-paġna 18 taħt it-titlu Ksur ta’ Obbligi l-attur jgħid li l-ammont dovut lil Maltacom kien ta’ Lm38,232.90. Dan iwaqqa’ l-argumenti kollha li għamel l-attur preċedentament, kif spjegati aktar ’il fuq stante li aktar ’il fuq l-attur ssottometta li l-ammont dovut lil Maltacom kien ta’ Lm24,000 u peress li l-attur gamel pagament lill-konvenut ta’ Lm30,000, ma hux minnu li l-konvenut kien f’impossibbilta’ li jħallas. Jekk fil-fatt il-bilanċ li kellu jitħallas lil Maltacom kien ta’ Lm38,232.90 u mhux ta’ Lm24,000 kif qed jgħid issa l-attur, allura l-argumenti kollha sottomessi mill-attur preċedentament li l-konvenut kien f’pożizzjoni immedjata li jħallas il-kontijiet u jittrasferixxi l-linji immedjatament biex iwaqqa’ d-difiża tal-konvenut jisfaw fix-xejn.”*

Illi l-attur jkompli jgħid li fix-xhur sussegwentament il-konvenut irċieva aktar ħlasijiet li kienu jammontaw għal aktar mis-somma dovuta lil Maltacom u jerġa’ jsemmi x-xhieda tar-rappreżentant ta’ HSBC u d-dokumenti minnha esebiti, riferiti aktar ’il fuq.

Illi l-attur ikompli fl-argument tiegħu a bażi tal-istess pagament ta’ Lm30,000, li l-konvenut ma ħallasx il-kont u ttrasferixxa l-linji għax ma riedx jagħmel dan.

Illi l-attur kważi kważi jerġa’ jirrepeti dak kollu li qal sa issa biex isostni l-argument tiegħu.

*“Filwaqt illi l-attur jargumenta li huwa kien terz għall-arrangament ta’ pagamenti li sar bejn SCI u l-konvenut, biex ineħħi minn fuqu kwalunkwe responsabilita’ għall-ħlasijiet li setgħu kellhom isiru minn SCI lill-konvenut u kienu għadhom ma sarux, u b’hekk jitfa’ r-responsabilita għat-trasferiment tal-linji fuq il-konvenut, issa l-attur qed juża l-istess argument a contrario senso, favur il-kawża tiegħu, biex jgħid li anke jekk l-attur nnifsu ma kienx ħallas biżżejjed biex jitħallsu l-kontijiet tal-linji, l-konvenut kien irċieva biżżejjed pagamenti minn għand SCI biex ikun jista’ jissalda l-kontijiet u jittrasferixxi l-linji. Jekk l-attur*

*issottometta li huwa kien terz għal dak il-ftehim, ma jistax fl-istess ħin jaġevola l-kawża tiegħu billi jibbaża fuq pagamenti li saru lill-konvenut minn terz.*

*L-attur ikompli jsemmi dokumenti konnessi ma' l-istess arrangament li sar bejn SCI u l-konvenut, li fl-umli opinjoni tiegħi, ladarba l-attur qed jinsisti li huwa kien terz għal dan l-arranġament allura x'ġara f'dan l-arranġament ma għandu jagħti l-ebda lok u jagħmel l-ebda effett fil-kawża odjerna."*

Illi sabiex wieħed jipprova l-prinċipju inadempleti *contractus non est adempletum* b'suċċess irid jissodisfa l-kriterji legali rassodati fil-ġurisprudenza nostrali:

a. l-inadempjenza tal-attur tkun tolqot xi obbligu tiegħu li jkun parti integrali mill-ftehim;

b. l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur;

c. irid ikun hemm proporzjonalita' bejn l-inadempjenza tal-partijiet[5]

Il-konvenut ma jistax jirnexxi f'din l-eċċezzjoni għaliex il-fatti ma jissodisfawx it-tieni u t-tielet rekwiżit minħabba tlett raġunijiet:

a. l-inadempjenza *se mai* hija ta' SCI, *stante* li l-obbligu tal-attur kien li jħallas lill-konvenut meta dan jirċievi l-ħlas mingħand SCI;

b. dan huwa mertu ta' dibattitu u litigazzjoni pendenti quddiem il-Qrati

---

[5] **"Emmanuele Aquilina vs Salvatore Aquilina et"** – 23 ta' Marzu 1963, Vol. XLIX, P.I., pp518
**"Carmelo Cremona vs Victor Angilieri"** – Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 11 t'Ottubru 1996
**"AX Construction Ltd. vs Tony Mallia Bonello"** – Qorti tal-Appell, 663/2001
**"Dr. Jose' Herrera noe vs Gaetano Debattista et noe"** – Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 1699/1995PS

c. m’hemmx proporzjonalita bejn it-telf assolut u rrevokabbli tal-linji u l-ħlas li qed jippretendi l-konvenut permezz tal-proċeduri bin-numru 369/98JRM, 354/01JRM u 66/04LFS

Illi huwa l-attur li b’konsegwenza tal-inadempjenza tal-konvenut ma kienx aktar tenut jaqdi l-obbligi li assuma permezz tal-ftehim u mhux *vice versa*.

Illi *oltre* dak li ingħad aktar ’il fuq, il-konvenut mhuwiex kredibbli u affidabbli. Hemm diskrepanzi fix-xhieda tiegħu fl-atti tal-proċeduri separati li ġew annessi ma’ dak odjern. Il-konvenut jixhed mhux il-verita’ imma jixhed b’mod konvenjenti għalih sabiex jipprova jasal għall-eżitu pożittiv f’kull proċedura pendenti quddiem il-Qrati. Analiżi tal-affidavit ta’ Caruana fid-dawl tal-kontro-eżami tiegħu jindikaw elementi ta’ sperġur fix-xhieda tiegħu li jimmeritaw li jiġu nvestigati *ex ufficio*.

Illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut ġiet irtirata skond il-verbal tas-16 ta’ Ottubru 2002.

Illi t-tieni eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda *stante* li n-nuqqas tal-attur li jindika dawk il-fatti li huma di xjenza personali tiegħu ma ċaħħad bl-ebda mod lill-konvenut mid-difiża tiegħu[6].

Illi l-konvenut ma nsistiex fuq it-tielet eċċezzjoni u f’dan l-istadju ta’ maturita tal-proċess, din l-eċċezzjoni għandha tittieħed bħala rinunzjata.

Illi dwar ir-raba’ eċċezzjoni saru noti relattivi. L-attur m’għandu xejn x’iżid, ħlief referenza għall-kawża **“Pierre Portelli vs Victor Zammit”**[7] fejn għalkemm ma kien hemmx talba għar-*restitutio in integrum*, il-Qorti ordnat ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt.

---

6 **“Merola vs Caruso”** – Appell, 20 ta’ Frar 1935
**“Scicluna vs Xuereb”** – Appell, 22 ta’ Mejju 1967
**“Bezzina vs Galea”** – Appell, 30 ta’ Marzu 1998

7 Appell, 26 ta’ Frar 1993

Illi fid-dawl tas-sottomissjonijiet kif spjegat aktar 'il fuq dwar l-eċċezzjoni tal-inadempjiment tal-obbligi mill-attur, l-argument tal-konvenut ma jreġix. Jekk il-konvenut ma ħax passi kontra l-attur sabiex iħoll il-ftehim, ma jfissirx li l-attur tilef dan id-dritt tiegħu u lanqas ma jfisser li l-konvenut akkwista xi drittijiet li ma kellux.

Illi l-**Artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili** jgħid illi: *"Il-kondizzjoni riżoluttiva tingħadd dejjem bħala li ġiet magħmula fil-kuntratti bilaterali, fil-każ li waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha:*

*Iżda, f'dak il-każ, il-kuntratt ma jinħallx ipso jure, u l-Qorti tista', skond iċ-ċirkostanzi, tagħti żmien xieraq lill-konvenut, bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-kuntratt tal-bejgħ."*

Illi l-**Artikolu 117 tal-Kodiċi tal-Kummerċ** jgħid illi: *"Fil-kuntratti kummerċjali, il-kondizzjoni rizoluttiva taċita msemmija fl-Artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili tħoll il-kuntratt ipso jure, u l-Qorti ma tistax tagħti żmien lill-konvenut sabiex jiġi meħlus mill-mora:*

*Iżda dan l-Artikolu ma japplikax għal kuntratti ta' kiri ta' proprjetà immobbli jew għal kuntratti ta' enfitewsi jew għal kuntratti li l-ħall tagħhom, fil-każ ta' nuqqas ta' waħda mill-partijiet milli tħares l-obbligi tagħha, jkun regolat b'liġi b'mod speċjali".*

Illi f'materja kummerċjali r-rimedju, mingħajr xelta oħra, hija x-xoljiment tal-kuntratt. Diversi kawżi esploraw ir-relazzjoni u l-effetti tal-Artikoli fuq ċitati[8].

Illi għar-raġunijiet fuq spjegati mhuwiex minnu u ma jirriżultax li kien xi nuqqas da parti ta' l-attur li poġġa lil-eċċipjenti fl-impossibbilta' li jeżegwixxi l-obbligi tiegħu tempestivament.

[8] **"Adrian Busietta pro et noe et vs Philip O. Gatt pro et noe et"** – Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 28 t'Ottubru 2003 – 1974/95RCP
**"St. Andrew's Farm and Building Comapny Limited vs Henry Sultana"** – Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 26 t'April 2002 – 1728/97GV

Illi l-konvenut eċċepixxa li l-obbligazzjoni ma kinitx obbligazzjoni prinċipali iżda biss waħda aċċessorja u sekondarja, u l-ftehim de quo m'għandux jiġi annullat. Din l-eċċezzjoni hija għal kollox vessatorja in kwantu l-intiża prinċipali kienet proprju t-trasferiment tal-linji. Dan l-obbligu ma jistax jitqies biss bħala obbligu sussidjarju. L-uniku rimedju għal dan il-ksur ta' obbligu huwa li jiġi maħlul il-kuntratt u t-tqegħid tal-partijiet fl-i*status quo ante contractu*.

Illi għaldaqstant, skond l-attur, *ai termini* tal-Artikolu 117 tal-Kodiċi tal-Kummerċ għandu jkun hemm il-ħall ta' dan il-ftehim mingħajr il-possibbilta' ta' purgazzjoni tal-mora tal-obbligat, il-konvenut Paul Caruana.

**Nota responsiva tal-konvenut Paul Caruana (**a fol. 775)

Illi l-konvenut ma rriproduċiex xi brani ta' xhieda iżda fi kliemu stess, iffoka fuq l-argumenti legali ewlenin, u ċjoe:

Il-prinċipju *inademplenti non est ademplendum*:

Illi kien l-attur li l-ewwel kiser il-ftehim, konsegwentament wara li kissru ma jistax jipprova jinforza l-kuntratt kontra l-konvenut. L-attur argumenta li fin-negozju tal-*head hunting* l-unika ħaġa essenzjali hija n-numri tat-telefon. L-aspetti l-oħra tal-infrastruttura huma insinjifikanti. Iżda fl-iskrittura ma hemm xejn li jindika l-essenzjalita' biss ta' dawn in-numri telefoniċi.

Illi l-portafol tax-xogħol li bena l-konvenut matul iż-żmien li kien ilu jopera mill-1994, u ċjoe' d-*database* għadda f'idejn l-attur meta saret l-iskrittura ta' Ġunju 1997. Huwa dak id-*database* li huwa l-*asset* prinċipali tan-negozju u huwa dak id-*database* li huwa essenzjali u mhux n-numri telefoniċi.

Illi jekk it-trasferiment tan-numri kien daqshekk importanti għal l-attur, huwa seta' ħallas il-kontijiet hu stess, imbagħad kien ikollu azzjoni *di rivalsa* kontra l-konvenut.

Illi huwa minnu li l-konvenut ma aċċettax tpaċija iżda dan kien biss konsegwenza tad-diversi modi li l-attur kien inadempjenti skond l-istess ftehim.

Il-konvenut isostni li a tenur tal-Artikolu 1196 tal-Kodiċi Ċivili huwa kien korrett. L-Artikolu 1196 jgħid:

*(1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija.*

*(2) It-tpaċija ssir ipso jure, u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs.*

Illi l-attur ma għażilx ir-rotta faċli li jħallas il-kont u jiġi surrogat fid-drittijiet tal-Maltacom u dan biex isib bażi li fuqha jipprova jwaqqa' dan il-ftehim kif qed jipprova jagħmel permezz tal-kawża odjenra sabiex jeżonera ruħu minn dak li hu kellu jħallas skond il-ftehim mal-konvenut.

Illi kien l-attur illi kiser l-obbligi tiegħu skond il-ftehim. L-ewwel meta ma ħallasx is-somma ta' Lm12,500. Dawn tħallsu ħafna wara li nfetħet kawża kontrih dwar dawn il-flus. F'dik il-kawża 1942/98, permezz ta' nota 24 ta' Novembru 2000, l-attur iddikjara li tħallas is-somma mitluba u għalhekk ċeda l-mertu, iżda żamm ferm il-kap tal-ispejjeż. Fis-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2001 il-Qorti kkundannat lill-konvenut (l-attur odjern), iħallas l-interessi 8% sad-data tal-effettiv pagament kif ukoll l-ispejjeż.

Illi l-konvenut għamel kawża oħra fit-23 ta' Frar 1998 quddiem il-Qorti diversament preseduta numru 369/98JRM fejn qed jitlob il-ħlas a bażi tal-ftehim tas-16 ta' Gunju 1997. Il-konvenut istitwixxa diversi kawżi oħra li għadhom pendenti sal-lum, li jġibu n-numri 354/2001JRM u 330/2001JRM.

Illi kien il-konvenut li l-ewwel ilmenta ma' l-attur li l-attur mhux jonora l-obbligi tiegħu skond il-ftehim. Fit-23 ta' Settembru 1997 il-konvenut preżenta ittra ġudizzjarja kontra l-attur.

Minn dawn il-proċeduri jidher li l-attur istitwixxa l-kawża odjerna biex jipprova jirrexxindi ftehim li huwa stess mhux jonora u dan biex jinħeles minn dawn l-obbligi.

Illi fil-kawza **"AX Construction Limited vs Tony Mallia Bonello"**, Appell, 10 ta' Ottubru 2005 il-Qorti qalet li l-prinċipju *indemplenti non est ademplendum "huwa bażat fuq ir-raġuni ġuridika illi jekk wieħed huwa inadempjenti u jivvjola l-obbligi tiegħu di fronte għall-kontraent l-ieħor, ikun immorali li huwa jitlob l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontra dak li għamel dik il-vjolazzjoni, meta huwa stess isib ruħu fl-istess kundizzjoni, għaliex da parti tiegħu hemm vjolazzjoni oħra tal-kuntratt. Barra minn dan hemm il-kompensazzjoni ta' vjolazzjoni ma' oħra*[9]*".*

Illi l-Qorti tal-Appell ikkwotat il-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (27/09/1999, numru 10668): F'kuntratti bilaterali fejn kull waħda mill-partijiet tiġġustifika l-inadempjenza tagħha bl-inadempjenza tal-parti l-oħra, il-ġudikant irid jagħmel valutazzjoni komparattiva tal-komportament tagħhom, billi jqis kemm l-element kronoloġiku u wkoll l-elementi ta' proporzjonalita u korrispettivita eżistenti bejn il-prestazzjonijiet inadempjuti, sabiex jistabbilixxi jekk l-inadempiment jew il-prospettiva ta' inadempiment ta' parti tkunx tiġġustifika n-nuqqas tal-kontro-parti li twettaq il-prestazzjoni tagħha. Il-ġudikant ma jridx iqis biss l-obbligazzjonijiet prinċipali dedotti fil-kuntratt iżda wkoll dawk sekondarji li l-partijiet ikunu tawhom karattru essenzjali fuq il-pjan sinallagmatiku.

Illi f'dan ir-rigward il-konvenut jikkwota wkoll sentenza tal-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni tas-07 ta' Novembru 2000 Nru: 11784.

Il-Qrati tagħna mxew ukoll fuq din il-linja[10.] Hekk fil-kawża **"Carmelo Cremona vs Victor Angilieri"** Prim' Awla tal-

---

[9] Ara wkoll **"Celestino Muscat vs Giovanni Attard et"** – Appell, 3 ta' Ġunju 1938, Vol. XXXPI p 155

[10] **"Emmanuele Aquilina vs Salvatore Aquilina et"** – Appell Kummerċjali, 12 ta' Marzu 1965, Vol.XLIX P1 p518.

Qorti Ċivili 11 ta' Ottubru 1996, il-Qorti elenkat dawn ir-rekwiżit:

a. l-inadempjenza tal-attur tkun tolqot xi obbligu tiegħu li jkun parti integrali mill-ftehim;

b. l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur;

c. irid ikun hemm proporzjonalita' bejn l-inadempjenza tal-partijiet;[11]

Illi l-konvenut jgħid li kwalunkwe aġir da parti tiegħu kien diretta konsegwenza tal-inadempjenza tal-attur, li jinkwadra fl-elementi fuq kwotati, b'hekk poġġa lill-konvenut fl-impossibbilta' li jesegwixxi l-obbligi tiegħu.

*Inoltre* l-inadempjenzi huma verament imputabbli lill-attur basta wieħed jara s-sentenza fil-kawża 1942/98AJM, kif ukoll il-kawżi l-oħra 66/2004, 354/2001/1, 1942/1998/1 u 331/2001/2[12] fl-ismijiet inversi, u l-kawżi l-oħra kollha msemmija li għadhom pendenti. L-allegata inadempjenza da parti tal-konvenut, u ċjoe' n-nuqqas tat-trasferiment tal-linji, hija proporzjonata u ġustifikata meta mqabbla ma' l-inadempjenzi serji u essenzjali tal-attur.

Illi l-konvenut jissottometti li mhux minnu it-trasferiment tal-linji kien kondizzjoni rizoluttiva tal-ftehim u ladarba dan ma sarx il-ftehim huwa null. Dan għaliex ma hemm l-ebda klawsola fil-ftehim li tgħid illi jekk tiġi fis-seħħ xi kundizzjoni l-ftehim jinħall *ipso jure*[13].

Illi dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 117 tal-Kodiċi Kummerċjali hemm diverġenzi fil-ġudikati nostrani. L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża **"France Cutajar vs Francis Fenech"**[14] qalet:

---

[11] Din il-kawża ġiet ċitata wkoll mill-attur.
[12] Dawn ma ġewx esebiti
[13] **"MAC Ltd vs Said International Ltd et"** – Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 9 t'Ottubru 2003.
[14] tas-6 t'Ottubru 1999

*"... il-fatt li dan l-Artiklu kien applikabbli għall-fatti in kawża anke għaliex il-partijiet ittrattaw l-obbligazzjoni bħala waħda kummerċjali, naturalment, mhux neċessarjament ifisser li kellu jiġi hekk applikat fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ ... ma hijiex infatti għal kollox korretta l-impressjoni ġenerali illi kien paċifiku fil-ġurisprudenza li f'kontrattazzjonijiet kummerċjali, l-kundizzjoni riżoluttiva kienet tipproduċi dejjem u f'kull każ ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt di piena diritto u li l-Qorti, fejn l-inadempjenza kuntrattwali f'kuntratt bilaterali tkun waħda kummerċjali, ma setgħet qatt takkorda lid-debitur ebda dilazzjoni biex jispurga l-mora. Jirriżultaw sentenzi fejn il-Qrati kkonsidraw benefiċċju tal-purgazzjoni tal-mora u ma applikawx rigorożament id-dispost tal-Artikolu 117 tal-Kodiċi Kummerċjali fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk kienu jindikaw. Dan għaliex ikun kjarament jirriżulta li l-parti li tkun qed tinvoka r-rexxissjoni tal-kuntratt fuq dik il-bażi, ma tkun sofriet l-ebda preġudizzju bhala konsegwenza tal-inademojenza u fejn allura jkun irrizulta illi l-adempjenza ma kinitx fattur materjali u determinanti għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet assunti mill-kontraenti fil-kuntratt bilaterali"*.

Illi t-trasferiment tal-linji fuq isem l-attur ma kienx essenzjali għall-adempiment tal-kuntratt. Dan huwa attentat miżeru tal-attur biex jaħrab mill-obbligi tiegħu versu l-konvenut. L-Artikolu 117 ma jiġix fis-seħħ u għalhekk ma hemmx lok għat-terminazzjoni tal-kuntratt *ipso jure* iżda *se mai* għal żmien sabiex jirrettifika l-pożizzjoni tiegħu.

Illi l-esponent jissottometti li fil-każ in eżami ma hemm l-ebda kundizzjoni riżoluttiva espressa fil-ftehim allura ma hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 117 u għalhekk dak li qed jipproponi l-attur li l-inadempjenza ġġib in-nullita tal-ftehim ma jreġix għaliex *"meta r-riżoluzzjoni ma tiġix espressament pattwita l-Qorti tista' tagħti żmien xieraq biex il-parti tadempixxi l-obbligazzjoni tagħha"*[15] .

[15] **"Emmanuele Calleja vs Joseph Grech"** – Prim' Awla, 10 ta' Ġunju 1965.

Illi l-ftehim ma jistax jiġi riżolt *ipso jure* anke għax ma hemmx talba f'dan is-sens, skond kif imposta l-azzjoni tal-attur.

Inoltre jekk il-ftehim jiġi riżolt dan ma jkollux l-istess effett bħal meta l-ftehim jiġi dikjarat null *ab intio stante* li tali sentenza ma tpoġġix l-partijiet fi *status quo ante*. Għalhekk l-obbligi preċedenti tal-attur jibqgħu fis-seħħ.

Illi lanqas hemm talba għall-ottemporanza mal-ftehim iżda biss talba għal dikjarazzjoni ta' nullita'.

Illi skond il-ġurisprudenza l-Qorti għandha toqghod għat-talba kif imfissra fl-att taċ-ċitazzjoni. In-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu dedotti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri[16]. Dan japplika wkoll għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Ma hux leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni[17]. Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax tmur *extra petita* u tiddeċiedi dwar talba li ma teżistix.

Illi t-tieni talba tal-attur ma tista' qatt tintlaqa' għaliex ir-rexxissjoni / annullament u meta att ikun null radikalment huma differenti minn meta att jiġi riżolt *ipso jure* jew iddikjarat riżolt. Din id-distinzjoni la saret fiċ-ċitazzjoni u lanqas tul il-kawża.

Illi Sir Adrian Dingli fis-sezzjoni fuq ir-rexxissjoni jgħid li *"Rescissione e nullita sono la stessa cosa"* u f'dan il-kuntest jagħmel referenza għall-insenjament ta' Troplong[18]. Iżda teżisti wkoll in-nullita assoluta jew radikali li hija differenti mill-annullabilta' jew rexxissjoni.

Illi att ikun annullabbli jew jista' jiġi rexiss għaliex ma jkollux il-kundizzjonijiet li jrendi dak il-kuntratt validu[19]. Għalhekk att li jkun milqut minn vizzju tal-kunsens jew

16 **"Carmelo Cassar noe vs Victor Zammit"** – Appell Ċivili, 23 ta' Ġunju 2004.

17 **"Grobett Holdings Limited vs Steve Abela"** – Appell Inferjuri, 10 t'Ottubru 2005.

18 De la Vente 685 u 688,
**"Mary Assunta Azzopardi et vs Anthony Camilleri noe"** – Qorti tal-Maġistrati Għawdex, Ġurisdizzjoni Superjuri – 13 ta' Marzu 2009.

19 Ara kwotazzjoni minn Giorgio Giorgi a fol. 788.

inkapaċita' ta' xi tip jibqa' jseħħ sakemm ma jiġix imħassar.

Illi l-konvenut jikkwota wkoll dak li jgħid it-Trabucchi dwar l-annullabilta' [20].

Illi l-inadempjenza kuntrattwali ma tolqot l-ebda kundizzjoni elenkati minn Trabucchi li jrendu l-att radikalment null u lanqas sabiex kuntratt jiġi rexiss.

Illi l-attur seta' wkoll jitlob id-dritt tar-riżoluzzjoni tal-kuntratt taħt l-Artikolu 1068 tal-Kap. 16, iżda naqas ukoll li jagħmel dan. L-esponent isostni li għaldaqstant il-Qorti ma tistax tiddikjara null att meta dan l-att la huwa annullabbli u lanqas null radikalment.

*Inoltre* jekk b'xi raġunament, il-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi, dan ma jfissirx li l-ftehim qatt ma kellu effikaċja legali għax tali effikaċja legali titneħħa biss mill-mument tas-sentenza u mhux qabel.

Illi għaldaqstant il-konvenut huwa naturalment tal-fehma illi it-talbiet attrici għandhom jiġu respinti.

## KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

Illi l-Qorti jidhrilha li tenut kont ta' kollox, taqbel mat-teżi tal-konvenut li fis-sustanza l-obbligazzjoni li l-konvenut idawwar il-linji tat-telefon fuq l-attur ma għandhiex titqies bħala waħda essenzjali għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Huwa minnu li jista' jkun, anzi huwa ferm verosimili li fil-bidu tal-ġestazzjoni tal-attur fin-negozju msemmi, huwa kellu xi diffikoltajiet minħabba f'dan in-nuqqas li indubbjament kien hemm. Madankollu l-għan prinċipali tal-ftehim kien li l-attur jieħu t-treġija tan-negozju u jkollu a dispożizzjoni tiegħu d-*data base* ġja' msemmi. Tant dan ma xekklux fin-negozju li baqa' għaddej (*sia pure'* bid-diffikolatjiet imsemmija) bl-istess negozju u eventwalment telaq mill-fond fejn kien jaħdem il-konvenut qablu, u kwindi użufruwixxa minn dan il-ftehim. Għalhekk kif sewwa qed

[20] Ara kwotazzjoni minn Trabucchi a fol. 788 u 789.

jargumenta l-konvenut ma jistax issa li stabbilixxa ruħu fl-istess negozju bis-saħħa inizjali ta' dak il-ftehim issa jitlob it-tħassir tiegħu.

Illi l-Qorti tara li a bażi tal-ġurisprudenza ġja' msemmija, u speċjalment is-sentenza **"Cremona vs Ancilleri"** fuq imsemmija, li l-obbligazzjoni in kwistjoni hija waħda sekondarja u li ma hemmx proporzjonalita' bejn in-nuqqas tal-attur u t-talba attriċi, ossija l-konsegwenza ta' dak in-nuqqas. L-attur seta' sofra danni li seta' talab minghajr ma jitlob in-nullita' tal-kuntratt. L-għan prinċipali tal-ftehim kien fil-fehma tal-Qorti kontenut f'artikolu ieħor tal-ftehim, u ċjoe' dak li jgħid illi:

*"The transferor is hereby selling and transferring unto and in favour of the transferor who under the same title is acquiring and accepting the general business activity, license and goodwill pertaining to the business in its entirety."*

Illi dan in-negozju l-attur akkwistah debitament u baqa' jgawdih għal numru ta' snin, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax a bażi tal-kawzali illi intavola, issa jitlob l-annullament tal-kuntratt. Il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-konvenut li l-attur qed jipprova jeludi l-obbligi tieghu wara li ħa l-benefiċċju mill-kuntratt. Għal din ir-raġuni s-sitt eċċezzjoni qed tiġi akkolta, u kwindi l-Qorti ma għandhiex għalfejn tidħol fil-mertu tal-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' s-sitt eċċezzjoni tal-konvenut u tiċħad it-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------